

# UBS Bond Funds

## A world of opportunities



5.97%



5.81%






WORLD MARKETING SERVICES

Fritz Conference & Business Centre
Cannon Road, Santa Venera , HMR 07 • Tel: 21 444317
E-mail: info@worldmarketing.net

# Mill-Bord Editorjali



Bħal dan iż-żmien ħamsin sena ilu splodiet il-kamra tan-nar il-qadima ta' San Filep li kienet tinsab fl-inħawi tal-Kandlora. Kien il-Ħamis 7 ta' April 1955, Ħamis ix-Xirka għall-ħabta tat-tlieta ta' wara nofsinhar. F'dik it-traġedja mietu erba' dilettanti tan-nar: Philip Cassar (Ta' Simillu), Philip Xuereb (Ta' Karlu), Ġamri Farrugia (il-Bidillu) u Anthony Debono (il-Paradajs). L-ewwel tnejn li kienu qed iħalltu t-taħlita li splodiet mietu fuq il-post. It-tnejn l-oħra li kienu jaħdmu n-nar f'kamra oħra tal-kumpless, mietu l-għada nhar il-Ġimgħa l-Kbira. Il-funeral tagħhom sar nhar Sibt il-Għid akkumpanjat bil-marċi funebri mill-Banda San Filep. Nhar is-7 ta' April 2005, il-Każin Banda San Filep flimkien mal-parroċċa se jorganizzaw quddiesa solenni b'sufraġju għal ruħ dawn il-vittmi tan-nar.

Din is-sena jmiss lill-Banda San Filep takkumpanja l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira li toħroġ mill-knisja parrokkjali ta' Ħaż-Żebbuġ. Il-banda tkun taħt id-direzzjoni tas-Surmast Richard Bugeja FLCM. Nieħdu din l-okkażjoni biex nifirħu lil dan il-ħabrieki surmast żagħżugħ li ftit xhur biss ilu akkwista l-ogħla grad fil-mużika: l-FLCM.

Dan is-servizz ta' marċi funebri mal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira l-Banda San Filep ilha tagħmlu sa minn nofs is-seklu dsatax (meta waqqfet). Wara aktar minn erbgħin sena ddoqq kull sena fil-Ġimgħa l-Kbira, fl-1892 fil-parroċċa sar arranġament ġdid fejn il-Baned San Filep u De Rohan bdew idoqqu sena kull wieħed.

Fil-purċissjoni ta' Kristu Rxoxt li toħroġ ukoll mill-Parroċċa ta' San Filep, ukoll hemm arranġament ta' alternanza bejn il-Baned San Filep u 12th May li ilu jseħħ mill-1977. Dik is-sena kienu daqqew iż-żewġ baned flimkien u mis-sena ta' wara bdew jalternaw: San Filep iddoqq fis-snin biż-żewġ u t-12th May fis-snin bil-fart.

Għalhekk bħala riżultat ta' dawn iż-żewġ arranġamenti stabbiliti, il-Banda San Filep iddoqq kull sena: darba fil-Ġimgħa l-Kbira u darba fl-Għid, filwaqt li kull waħda miż-żewġ baned l-oħra ta' Ħaż-Żebbuġ iddoqq darba kull sentejn.

Din is-sena, qed jiġi rinnovat ix-xenarju taċ-Ċenaklu fil-wirja tal-Ġimgħa l-Kbira li ssir fil-każin. Dan ix-xogħol qed isir minn Antonio Mifsud taħt id-direzzjoni tal-Kavallier Alfred Camilleri Cauchi li tiegħu huma l-istatwi kollha (*life-size*) li naraw f'dan iċ-Ċenaklu, fil-Kruċifissjoni fuq il-Golgota u fid-difna ta' Ġesù. Iċ-Ċenaklu jinsab f'sala fis-sular ta' isfel,

***ikompli f'paġna 5***

**Bord Editorjali:** Philip Balzan (Editur), Philip Agius, Mario Borg, Josef Cachia, Brian Mifsud

**Qoxra tal-Ktieb:** Disinn oriġinali ta' Antonio Mifsud

***Is-Soċjetà Mużikali Banda San Filep A.D. 1851***
***tixtieq l-Għid it-tajjeb lil kulħadd***

# Żewġ Viżitaturi Distinti

*Il-Prim Ministru Dr. Lawrence Gonzi*
*u d-Deputat Kap tal-Partit Laburista Dr. Charles Mangion*











# Ftuħ tal-Wirja 2004

## *mill-ambaxxatur Franċiż M. Patrick Chrismant*




Memo System
Situated in front of Żebbuġ Local Council
21 466 266
Quddiem il-Kunsill Lokali Ħaż-Żebbuġ
www.beindependent.com.mt

*ikompli minn paġna 1*

il-Golgota f'sala fis-sular ta' fuq u d-difna ġo xelter tal-gwerra mħaffer taħt l-art. Barra minn dawn se jkun hemm ukoll ir-raba' taqsima b'sett ta' vari żgħar maħduma minn Antoine Magri. Kull min żar jew se jżur din il-wirja jista' jixhed il-kapaċità artistika ta' dawk li ħadmu din il-wirja.



# Antonio Mifsud



Antonio Mifsud irċieva l-ewwel lezzjonijiet ta' l-arti ma' l-artist Ġorġ Mallia meta kien jattendi l-iskola tas-Seminarju ta' l-Arċisqof. Fl-1996 beda jattendi fl-i*studio* ta' l-iskultur il-Kav. Alfred Camilleri Cauchi fejn tħarreġ sewwa kemm fil-pittura kif ukoll fl-iskultura. Fost xogħlijiet oħra, Mifsud ħadem il-*props* neċessarji għall-wirja li tittella' mill-Għaqda Madonna tal-Karmnu fil-Belt Valletta kif ukoll iddisinja diversi *posters* għall-wirjiet f'San Ġiljan, Gudja , Cospicua u Żebbuġ. Huwa membru fis-Soċjetà ta' l-Arti, Manifattura u Kummerċ u ħa sehem f'diversi esebizzjonijiet kolletivi ta' l-arti. Huwa jaħdem statwi f'daqs żgħir, pittura u *set decorations*.





# Anthony Magri

Anthony Magri twieled Ħaż-Żebbuġ fl-1961, ħa l-edukazzjoni tiegħu fl-Iskola Primarja ta' Ħaż-Żebbuġ u wara studja fis-Seminarju minuri tal-Furjana. Fil-preżent huwa jokkupa il-kariga ta' *Senior Principal Officer* mal-Gvern. Meta kellu sittax il-familja tiegħu marret toqgħod is-Siġġiewi fejn għadu jgħix sal-lum.

*(Fiż-żewġ paġni li jmiss, jidhru l-vari żgħar, xogħol artistiku ta' Anthony Magri li huma għall-wiri fir-raba' taqsima ta' din il-wirja fil-Każin Banda San Filep.)*

Anthony, minn età żgħira kien imħajjar għall-arti u ġie influwenzat minn missieru Karmenu

*ikompli f'paġna 9*

















die ECKE
GIFTS - STATIONERY - TOYS
BOOKS - MAGAZINES - CARDS - SOFT TOYS - GAMES - NEWSPAPERS
SEASONAL GOODS - PHOTOCOPY - BINDING - PASSPORT PHOTOS
FILM DEVELOPMENT - LAMINATION & much more
New Shop
Now Open
DIGIT
all about electronics
Where you can find fantastic offers on
HI FI - DVD PLAYERS - TELEVISIONS - COMPUTERS - MOBILE PHONES
TELEPHONES - DIGITAL CAMERAS - VIDEO CAMERAS - PLAYSTATION
DIGITAL SURROUND - Mp3 PLAYERS - ALARM CLOCKS - INK CARTRIDGES
COMPUTERS & MOBILE PHONES ACCESSORIES - REPAIRS
MONS. MIKIEL AZZOPARDI STR., SIGGIEWI. Tel: 2146 3403

# Il-Każin Banda San Filep u l-Ġimgħa Mqaddsa

jikteb Philip Agius

Meta wieħed iqalleb fil-paġni tal-ġrajja tas-Soċjetà Mużikali Każin Banda San Filep AD 1851, malajr jaraf sewwa r-rabta li minn dejjem kellha din il-għaqda mal-Ġimgħa Mqaddsa.

Tajjeb infakkru li sa mit-twaqqif tagħha l-Banda San Filep bidet tieħu sehem fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira u għal aktar minn erbgħin sena kienet l-unika banda Żebbuġija li akkumpanjat din il-purċissjoni sena wara l-oħra sakemm daħal l-arranġament li għadna llum.

Il- Banda San Filep kienet ittella' programm ta' mużika serja f'Ħadd il-Palm fil-għaxija. Kien ikun programm ferm mixtieq u kien jiġbed ħafna nies saħansitra mill-

*ikompli f'paġna 11*

*ikompli minn paġna 5*

u aktar tard minn ħuh Joseph. Għalih l-arti hija delizzju u żvog mill-istudji l-oħra tiegħu. Huwa jqis lilu nnifsu bħala artist *self taught* u dejjem tgħallem l-arti mill-osservazzjonijiet personali tiegħu, mill-kotba u mill-mawriet li jagħmel fil-mużewijiet li nsibu fi bliet tradizzjonalment artistiċi bħal Firenze, Ruma eċċ. Il-*medium* favorit ta' Anthony hu t-tafal, li skond Anthony jippermetti lill-artist jesprimi l-ideat, l-immaġinazzjonijiet u l-fantasiji artistiċi tiegħu f'għamla tri-dimensjonali, mingħajr dik ir-riġidità li wieħed isib f'materjal ieħor. L-artist favorit tiegħu huwa Michelangelo Buonarroti u l-perjodu artistiku l-aktar li jispirah huwa dak Barokk.

Bħala nisrani, għal Anthony il-perjodu tar-Randan huwa żmien ta' riflessjoni profonda dwar il-fidwa li ġabilna Kristu kif ukoll ta' l-imħabba infinità li għandu ALLA għalina. U kien proprju minn din ir-riflessjoni personali li tat bidu għal din il-kollezzjoni ta' statwetti li fiha l-arti tingħaqad mal-fidi b'riżultat li kull statwetta tagħti xhieda ta' dak il-mument partikolari fil-passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu.

Dan is-sett ta' statwetti nbeda mill-artist fl-1996, b'Ġesù fil-ġnien tal-Ġetsemani u l-*Ecce Homo* jkunu l-ewwel vari tas-sett. Wara, kull sena żdiedu vari oħrajn, biex effettivament kull stazzjon tal-*via crucis* huwa rappreżentat. Il-mod kif saru dawn il-vari huwa billi l-ewwel ġiet immudellata fit-tafal l-istatwetta li din wara proċess ta' irtokk dettaljat u rfinar saret il-forma tagħha li minnha jkun jistgħu jsiru repliki tagħha. Wara dan, il-vara tingħata l-kulur li jikkonsisti l-ewwel billi jsir il-wiċċ, li dan jiġi *airbrushed* minn Joseph (ħu Anthony) biex finalment jingħata l-kulur lid-drapp ta' l-istatwetta. Huwa proċess li għalkemm jidher sempliċi, huwa mill-aktar kompless u li jitlob attenzjoni kontinwa mill-bidu sat-tmiem.

Fil-preżent Anthony qiegħed jaħdem fuq *L-Aħħar Ċena*, li għalkemm diġà tlestew minnha tmien appostli, mistenniija li tkun lesta fl-2006.




# Kathleen

NAIL TECHNICIAN





***Beautiful Nails in the comfort of your home.***
***A Nourishing Hand Massage with every treatment.***
***Acrylics, Manicure, Pedicure, Spa Manicure, Nail Art.***
*Gift vouchers are available. Nails for all occasions.*

**Telephone: 2123 6561**
**Mobile: 9944 6539 e-mail: kathleengrima@yahoo.co.uk**

# ONYX

## *Jewellers*

**232, Żabbar Road, Fgura**
**Tel: 2167 3286**

# JADE

**Jewellers**
**Main Street, Żebbuġ**
**Tel: 2146 3833**

Gold - Silver - Diamond Rings
Silverware

irħula ta' qrib Ħaż-Żebbuġ. Imbagħad fil-lejl ta' bejn Sibt u Ħadd il-Għid, il-banda kienet tagħmel mixja mar-raħal, iddoqq marċi u valzi ferrieħa.

Is-soċjetà kienet taħseb ukoll sabiex tagħmel kors ta' eżerċizzi għas-soċji u bandisti u kienu jinġiebu wkoll żewġ patrijiet għall-qrar fil-każin. F'dawn l-attivitajiet, ġewwa l-Każin San Filep kont issib ħafna membri li kienu wkoll jagħmlu parti mill-fratellanzi li nsibu fil-Parroċċa ta' San Filep. Allura kont issibhom ukoll jaħsbu sabiex jarmaw u jerfgħu fil-vari tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Nistgħu ngħidu li matul il-jiem ta' qabel il-Ġimgħa Mqaddsa, dawn il-membri kien ikunu mgħedijin dwar kif se jarmaw il-vari.

Wara li f'Ġunju tas-sena 1956 kien ġie deċiż li s-sala ta' fuq tal-każin kellha tiġi mibdulha f'ċinema, bl-isem ta' "*Mayfair Theatre*", matul is-Sibtijiet u l-Ħdud tar-Randan kienu jintwerew filmijiet meqjusa bħala kbar u li kienu bbażati fuq il-bibbja, bħalma huma: The King of Kings, The Bible, The Ten Commandaments, Ben Hur, Barabbas, Quo Vadis, The Robe, Jesus Christ Superstar, u oħrajn ta' din ix-xorta li kien ikun fihom ranta mal-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu. Kienet tradizzjoni sabiħa li kienet tintlaqa' tajjeb mill-kotra. Ġo beltna nistgħu nikkunsidrawhom bħala l-bidu ta' tip ta' esebizzjonijiet esterni b'tema reliġjuża li kienu jsiru 'il barra mill-knisja parrokkjali.

L-użanzi jinbidlu maż-żmien. Tibqa' t-tifkira tagħhom iżda jidħlu drawwiet oħra minflokhom. Il-Purżissjoni tal-irxoxt hi waħda minnhom. Drawwa oħra hi l-wirjiet devoti tal-Ġimgħa l-Kbira li saru jiġbdu eluf kbar ta' nies lejn Ħaż-Żebbuġ. Fl-1981 fil-Każin San Filep kienet saret wirja ta' figuri differenti ta' Kristu msallab. Kien hemm esebiti għadd sabiħ ta' stampi. Ħdejn tal-lum, kienet wirja żgħira, iżda kienet il-bidu li tat in-nar lil fjamma li kompliet tħeġġeġ u tikber fil-Każin San Filep.

Il-Wirja tal-Ġimgħa l-Kbira fil-Każin Banda San Filep tal-lum hija spettaklu artistiku li jpoġġi lill-istess soċjetà fuq quddiem nett f'dan il-qasam. Minn bidu żgħir din il-wirja kibret u kibret sakemm illum sar fiha diversi taqsimiet: Iċ-Ċenaklu, il-Kruċifissjoni, id-Difna li huma proprjetà tal-każin flimkien ma taqsima oħra ta' vari żgħar li tittella' minn dilettanti membri tal-każin.

Dan juri li fi ħdan din is-soċjetà it-tradizzjoni u l-kultura għadhom ħajjin. Importanti però li minn dak kollu li narmaw fil-wirja joħroġ xi ġid li jibqa' tul is-sena kollha.

Vanity

Cosmetics, Perfumes,
Agent for: Hair Accessories



41, Bishop Caruana Street, Ûebbu©, Malta • *Tel: 2146 3813*

MARBLE
& GRANITE
Creations

*Manufacturer of staircases, monuments, kitchen tops and all kinds of marble & granite works*

Mario Garage
N/S in Mdina Road, Ûebbu©
Tel: 2146 6643
Mob: 9947 8945

# Tsunami 2004

Ruħi
tiftakar
dik id-darba
meta l-qamar lix-xemx ħeba
u ddalmet id-dinja…
fil-kenn ta' l-ispirtu
xegħlet
il-fjamma
għelm is-sliem:

X'kien
li bil-kemm
fl-2004
laħaq twieled
ħalla
l-baħar jibla
l-art…
tsunami 2004
mijiet t'eluf
ta' ħajjiet mitmuma
sagrifiċċju
kastig il-bibbja
jew dirgħajhom ċaqilqu
l-allat setgħana li jsawru d-destin
u meta s-sena
ċ-ċenturjun
fil-kustat idaħħal il-lanza
u titniegħed
kollox mitmum
Id-dinja tibki t-telfa
u l-ulied isofru l-weġgħa
filwaqt
li l-mewġ
fil-bajja jitlajja
u t-turisti mill-ġdid ifiġġu
wkoll jekk biex jitgħaxxqu
bil-ħerba…
sena wara sena
eklissi wara eklissi
tsunami wara tsunami
mewġa wara mewġa
karba wara karba
ddomm litanija
'mulej ħniena'

Fis-sikta
l-ħemda ta' ġewwa
l-misteru li jdawwar
ruħi
nimraħ
mal-fewġa dejjiema
ta' xemgħa li xegħlet
biex ma tintefiex…
u t-tsunami ta' ruħi
quddiem l-imsallab
jibqa' jivvampja…

**Joe A. Grima**
Malta – 12 ta' Frar 2005

# Express
Aluminium Limited

Importers and manufacturers of all type of aluminium works, specialising in circular works with more than 13 years experience in craftsmanship and finish.

*Our range of products include:*

**Showroom Façades, Vertical Blinds, Maltese Style Balcony, Rolling & Sliding Nets, Light Weight Aluminium Chairs and Folding Tables, Roller Shutters, Work In Double-Glazing Finish & Spiral Staircases**

*Give us a ring or call personally for advice and free estimates at our showroom where we are always available to help you make the right decision.*

**"Express Building", Mdina Road, Ûebbu© ZBG 06, Malta**
**Tel: 2146 1078 / 2146 5110 • Fax: 2146 5798**




# Il-Ġimgħa l-Kbira ta' Tfuliti, ġo Ħaż-Żebbuġ

## – Is-snin għoxrin u tletin tas-seklu għoxrin –

minn Spiridione Curmi

Dari, il-Ġimgħa l-Kbira kienet tibda tinħass minn Ras ir-Randan, ġurnata ta' sawm u astinenza, rigoruża iktar mil-lum. Kienet tittiekel ikla sewwa f'nofsinhar u filgħaxija galletta kbira biss. Xejn deżerta. Ħafna nies kienu jsumu r-Randan kollu. Anke aħna t-tfal konna mħeġġa nibqgħu nieqsa mill-ħlewwiet. Barra s-sawm tar-Randan kien hemm ukoll sawm ieħor, dak tat-tqarbin ta' kuljum. Sa minn ftit qabel nofs il-lejl in-nies kienet tibqa' sajma l-ħin kollu sat-tqarbin. Fl-4.00am kienet toħroġ l-ewwel quddiesa u wara jkompli l-quddies l-ieħor, quddiesa wara l-oħra fuq l-artali kollha, fejn kien jixtieq li jqaddes is-saċerdot.

Dakinhar ta' Ras ir-Randan, aħna t-tfal konna mmorru għand il-Prokuratur tal-Ġimgħa l-Kbira, Dun Tumas Ebejer li kien joqgħod Strada Rjali, ħdejn il-Bieb il-Kbir. Minn għandu konna nikru ż-żummarra għall-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Konna nħallsu six pence (2c5). Kien jagħtihielna dakinhar u konna nżommuha għandna sal-Ġimgħa l-Kbira.

Imbagħad kull nhar ta' Ġimgħa, fil-ġimgħat tar-Randan, kienu joħorġu l-istatwi tal-Ġimgħa l-Kbira – waħda kull ġimgħa. X'ħin konna nispiċċaw mill-iskola, aħna t-tfal kien l-għaxqa tagħna nitilqulha lejn il-knisja biex narawhom joħorġu dawn l-istatwi. Għalkemm tfal konna sirna esperti u fit-triq konna ngħidu: "Illum imisshom joħorġu l-Ort jew il-Marbut." L-istatwi fil-fatt kienu joħorġu mill-Oratorju f'ċertu ordni. Fl-ewwel ġimgha kien joħroġ l-Ort, fit-tieni l-Marbut, fit-tielet l-Aċċjomu, imbagħad il-Veronika, l-Imgħobbi, il-Vara l-Kbira u d-Duluri. Il-Monument biss ma kellux data fissa u kienu joħorġuh meta jridu! Ta' min jgħid li quddiem kull statwa kienu jixegħlu tazza biż-żejt u aħna t-tfal konna ndeffsu subgħajna fiż-żejt u nagħmluh fejn kien ikollna l-ponot biex ifiqu!

Ħmistax qabel il-Ġimgħa l-Kbira kien jaħbat Sibt Lazzru. Aħna t-tfal kien ikollna festa oħra. Konna mmorru l-knisja u ngħinu lis-sagristani jgħattu bil-biċċiet vjola l-kwadri ta' l-artali, is-slaleb u t-twieqi tal-knisja. Meta l-knisja mbagħad kienet tintrama bid-damask iswed, kienet tassew qisha tilbes il-viżtu!

* Spiridione llum jgħodd 90 sena u għalkemm ilu joqgħod iż-Żurrieq baqa' jsegwi kull ma jiġri ġo Ħaż-Żebbuġ b'interess u sa ftit ilu kien jiġi kull nhar ta' Ħadd.

Pace Fire Prevention

SUPPLY, INSTALLATION
& SERVICE OF FIRE FIGHTING
& FIRE DETECTION EQUIPMENT

*SALES & SERVICE CENTRE*
VALLENDAR, PINTO JUNCTION, QORMI QRM 06
TEL/FAX: 2144 4924

*OFFICE*
180, VICTORY STREET, QORMI QRM 06

***MOUSÙ TRAVEL SERVICES LTD***

**31, Spencer Hill,**
**Marsa HMR 12, Malta**
**Tel: (+356) 2123 0301**
**Fax: (+356) 2123 0301**

Ħadd wara Ħadd kien jasal Ħadd il-Palm. Kien isir, kif għadu, it-tberik taż-żebbuġ. Kien jitbierek barra ħdejn il-bieb il-kbir tal-knisja qabel il-quddiesa kantata (xi 9.00am). L-organista kien Pawlu Felice li f'xi ħin tal-quddiesa kien idoqq siltiet mużikali tal-festa tal-Patrun tagħna San Filep. Il-mużika dak iż-żmien kienet ta' Bugeja. Dawn is-siltiet (l-aktar *In Sepulchrum*) konna nistennewhom tassew bil-ħerqa!

F'Ħadd il-Palm wara nofsinhar kienu jsiru l-eżerċizzi fil-knisja minn żewġ saċerdoti. Wieħed kien jitla' fuq il-pulptu bis-salib f'idejh jew imwaħħal u l-ieħor fuq bradella fil-qrib. Wieħed isaqsi u l-ieħor jirrispondi. Kien ikun djalogu ħelu li aħna konna tant nitgħallmu minnu dwar il-Passjoni u l-fidi tagħna. Dakinhar kienet issir ukoll il-ġabra għall-festa ta' San Filep (dak iż-żmien ftit ġimgħat biss wara). Meta kien jispiċċa kollox, kulħadd kien joħroġ 'il barra biex nisimgħu d-daqq funebru taż-żewġ baned tar-raħal ta' dak iż-żmien. Naturalment kienu jdoqqu marċi funebri, tieqaf banda u tibda l-oħra. Il-Banda San Filep kienet iddoqq fuq il-palk quddiem il-Każin San Filep (dak iż-żmien l-ewwel bieb fuq il-lemin inti u tħalli l-Każin ta' San Ġużepp tal-lum). Il-Banda De Rohan kienet ukoll iddoqq fuq il-palk fil-pjazzetta fejn dari kien hemm il-każin tagħha. Dak iż-żmien kienu tnejn mill-aqwa baned ta' Malta, b'ħafna servizzi ma' Malta kollha. Għal dan id-daqq ta' mużika funebra kienet tinġabar ħafna nies saħansitra mir-Rabat. Ta' min jgħid ukoll li mill-għada ta' Ħadd Lazzru sa Ħadd il-Palm kienu jsiru l-eżerċizzi, erba' korsijiet: tnejn għan-nisa għall-ħabta tat-3.00pm u tnejn għall-irġiel fis-6.30pm.

Il-jum tal-Ġimgħa qabel Ħadd il-Palm illum niċċelebraw id-Duluri b'serbut ta' nies jimxu warajha ma jispiċċa qatt. Fi tfuliti ma kienx hekk għax id-Duluri kienet issir fil-15 ta' Settembru, festa kbira oħra f'Ħaż-Żebbuġ b'quddiesa bil-mużika u fuq barra bis-sehem tal-Banda King's Own. Imma f'Ħaż-Żebbuġ kienet issir il-festa tad-Duluri fil-kappella żgħira tagħha. Niftakar fi tfuliti l-għosrien bil-mużika, it-transulazzjoni mis-sagristija ta' l-istess kappella għall-istess kappella u l-quddiesa bil-kant.

L-Erbgħa ta' qabel il-Ġimgħa l-Kbira kien l-Erbgħa tat-Tniebri. Konna mmorru l-knisja b'ħeġġa kbira. Il-qassisin kienu jagħmlu l-uffizzjatura li kienet twassal għall-mument l-iktar mistenni minna t-tfal – l-istorbju jew it-terremot. Malli konna naslu l-knisja konna naqbdu żewġ siġġijiet u noqogħdu bihom tul il-funzjoni kollha. Konna rridu noqogħdu kwieti għax jekk konna nazzardaw nitkellmu jew nidħku jew nagħmlu l-istorbju qabel il-ħin konna naqilgħu xebgħa kandeletta mingħand is-sagristan. Fuq il-presbiterju kienu joħorġu bħal trijanglu ta' l-injam fuq *stand* (barabba) bi 15-il xemgħa tat-tniebri lewn ir-roża, xemgħa fin-nofs u sebgħa oħra mżerżqin fuq kull naħa tat-trijanglu. Waqt l-uffizzjatura kien joħroġ qassis jitfi x-xemgħa waħda wara l-oħra. Ta' fuq nett kienet titħalla



Georgia... affordable style.
FREE Candy APPLIANCES
Spend over Lm750
Lm1800
Lm1300
Lm2000
Candy
KREA
www.krea.com.mt

għall-aħħar. U din konna nistennewha bil-ħerqa kollha għax x'ħin kienet tintefa' kien jasal il-ħin ta' l-istorbju jew tat-terremot u erħilna naqbdu s-siġġijiet u nsabbtu kemm nifilħu! Ġieli anke fil-bradelli dħalna u qgħadna nsabbtu. Darba sakkruna ġewwa u dommna żmien twil imsakkrin! Mill-istorbju ma konniex nieqfu malajr u ħalli għan-nies isikktuna u għas-sagristan jitħabat biex iwaqqafna. Battikata kbira. Ħallih ifajjar bil-kandeletta ħalli nieqfu!

Għalina t-tfal Ħamis ix-Xirka kienet festa oħra. Għal xi s-7.00am konna nerħulha lejn il-knisja għall-quddiesa ta' l-Ewkaristija. L-għors tagħna kien il-ħasil tar-riġlejn ta' l-appostli. Xi tbissima ma kinitx tonqos fuq il-poplu. L-Ewkaristija kienet titpoġġa fis-sepulkru (l-artal tar-ripożizzjoni) u tibqa' hemm sal-Ġimgħa. Għal xi wħud minna t-tfal Ħamis ix-Xirka kien ifisser ukoll ħarġa sal-Buskett għax eżatt wara l-funzjoni ta' filgħodu konna mmorru mar-reffiegħa ta' l-Ort bil-mixi sal-Buskett biex inġibu ż-żebbuġa. Fit-triq konna noqogħdu nkantaw l-innijiet ta' San Filep, l-iktar *B'Għajta Sħiħa**. Dik konna nafu! Ir-reffiegħa ta' l-Ort kienu jkunu membri tal-MUSEUM. Niftakar sewwa fosthom lil ċertu soċju Bernard u lil ħuh. Dak iż-żmien, l-istatwi ta' l-Ort, tal-Marbut u l-*Ecce Homo* ma kinux imorru għalihom u allura l-prokuratur kien jitlob l-għajnuna tas-soċji tal-MUSEUM. Wara nofsinhar imbagħad konna mmorru ma' tal-MUSEUM, ninviżtaw is-Sepulkru (is-7 viżti), mill-knisja l-kbira sal-kappella tas-sorijiet (Ospizio San Giuseppe), ġejjin u sejrin. Imbagħad filgħaxija konna nerħulha għand dawk li kienu jieħdu ħsieb il-ward. Kien hemm proċess sħiħ: kienu jaqbdu tavla, jitfgħu fuqha t-tafal u fih ipoġġu l-fjuri. Ix-xemgħa kienet tiddaħħal f'toqob apposta fuq lasta oħra ta' l-injam. Dawn imbagħad kienu jitpoġġew fuq il-bradelli. Fuq quddiem il-fjuri u wara l-fjuri x-xemgħa, dan mad-dawra kollha tal-bradella.

U fl-aħħar kienet tasal il-Ġimgħa l-Kbira. Arana filgħodu sejrin lejn il-knisja. Fuq l-artal maġġur kien jintrama s-salib il-kbir bil-kurċifiss. Il-knisja kienet tkun qisha t-Tarzna. Min isammar, min jorbot u min jirranġa l-vari. Aħna l-hena tagħna kien induru min-naħa għall-oħra. F'nofsinhar in-nies kienet tinġabar fil-knisja għall-priedka tat-tliet sigħat. Tliet sigħat priedka fuq is-seba' kelmiet ta' Kristu. F'xi t-3.00pm il-predikatur kien jibda jsejjaħ lis-saċerdoti "Oħorġu o qassisin, oħorġu" u dan biex iniżżlu lil Ġesù Kristu minn fuq is-salib. Kienet xena verament sabiħa. Kien ikun hemm is-slielem lesti u tliet saċerdoti kienu jitilgħu biex bil-mod il-mod u bid-devozzjoni jniżżlu lil Kristu minn fuq is-salib. Id-dirgħajn kienu jintnew u kien qishom qegħdin iniżżlu lil xi ħadd ta' veru! Żewġ saċerdoti kienu jitilgħu fuq is-slielem u l-ieħor kien jibqa' isfel biex jilqa'. Imbagħad kienu jpoġġu x-xbiha ta' Kristu fuq mejda pulita fuq il-presbiterju fejn

* L-innu popolari lil San Filep, kliem ta' Dun Karm Psaila u mużika ta' Giuseppe Caruana.



JOLLY
COMPONIBILI
2

FOR KITCHENS - BEDROOMS - WALL UNITS - SETTEES
FURNISHING HOTELS & HOLIDAY APARTMENTS

Mdina Road Żebbuġ - Malta
**Tel / Fax: +356 2146 6154**

in-nies miġbura kienet titla' tbusu. Min kien irid, kien jitfa' wkoll xi ħaġa tal-flus. Għall-ħabta ta' l-4.00pm kienet tibda ħierġa l-purċissjoni. F'dan iż-żmien li qed insemmi ta' qabel il-gwerra, il-purċissjoni ma kinitx sinjura bħalma hi llum! Kien ikun fiha l-istatwi bażiċi tal-passjoni, il-globi jew fanali, is-serduq, il-bandalori bis-seba' kelmiet, żewġ bandalori *Passio Domini Jesu Christi* u *Senatus Populi Quae Romani*, ħafna nies bil-ktajjen u bis-slaleb lebsin l-abjad u ħafna nies jimxu wara l-Monument, xi wħud minnhom ħafjin. Xi żebbuġin kienu jippreferu jmorru jaraw il-purċissjoni xi mkien ieħor iżda mbagħad kienu jiġu biex jarawha dieħla, għall-ħabta tat-8.00pm.

Qabel il-gwerra, il-purċissjoni kellha żewġ rotot: waħda mill-knisja għal Strada Rjali, għal Triq Mamo, għall-MUSEUM l-antik tas-subien, u mill-ġdid fil-knisja. Ir-rotta l-oħra kienet Strada Parroco, għall-kappella ta' l-Anġli u għal Strada Rjali (fejn il-Coronation) u mbagħad tidħol il-knisja. Fl-ewwel rotta kienet tieħu sehem il-Banda De Rohan waqt li fit-tieni l-Banda San Filep. X'ħin kienet tidħol il-purċissjoni ħafna storbju, kulħadd iżarma u mbagħad kont tara 'l kulħadd sejjer lura d-dar min b'xi xemgħa u min bil-fjuri. Naturalment fil-knisja waqt il-purċissjoni kien isir ħafna xogħol fosthom iż-żarmar tad-damask l-iswed u l-armar tad-damask l-aħmar. Ma rridx ninsa ngħid li l-ġurnata tal-Ġimgħa l-Kbira kienet tkun ukoll ġurnata ta' sawm u astinenza. L-ikel kien jikkonsisti f'ikla waħda: platt minestra u ikel biż-żejt. Kont tara 'l kulħadd jarda l-karamelli tal-ħarrub u l-knisja kienet tkun mimlija karti ta' dawn il-karamelli. Insemmi wkoll iċ-ċuqlajta li kienet iddoqq tliet moti qabel il-funzjoni tal-Ġimgħa u kienet imbagħad tindaqq waqt il-purċissjoni; dak iż-żmien mhux bid-dawl imma bil-ġibda. Konna nieħdu gost nitbandlu maċ-ċuqlajta!

U fl-aħħar Sibt il-Għid! Filgħodu konna nerġgħu nbakkru għall-quddiesa tal-Glorja fejn konna nistennew bil-ħerqa l-mument tal-Glorja. Malli jdoqq il-Glorja kulħadd jibda jiġri mal-knisja u jżarma d-drapp vjola li kien ikun għadu jgħatti l-kurċifissi, l-artali u t-twieqi. B'hekk il-knisja kien jitneħħilha l-luttu u terġa' tilbes il-libsa sinjorili u festiva tagħha.

Din kienet il-Ġimgħa l-Kbira ta' tfuliti! Wara l-gwerra bl-inizjattiva ta' Dun Salvin u l-arċiprieti, il-purċissjoni ta' Ħaż-Żebbuġ ħadet spinta sew 'il quddiem. Inbidel Kristu ta' l-Ort; l-*Ecce Homo*, il-Marbut u l-Veronika żdidulhom diversi personaġġi, żdied Xmun iċ-Cirene, l-Imgħobbi nbidel għal kollox, żdiedu bil-kbir il-personaġġi Bibliċi bil-kostumi lussużi tagħhom, daħlu s-suldati u l-manigoldi u ħafna *pageantry* u saret bla dubju waħda mill-isbaħ purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira f'Malta. U dan bla ma tilfet is-serjetà u l-ġabra li jixirqilha.

# Il-Kċina ta' Modica fi żmien l-Għid

kitba ta' Brian Bonnici

Fi żmien il-festi ta' l-Għid it-tifkiriet storiċi Sqallin ta' l-imgħoddi, il-folkor u l-kultura popolari mhumiex riflessi biss fil-manifestazzjonijiet reliġjużi ta' dawn iż-żminijiet, imma huma wkoll 'iċċelebrati' kif inhu xieraq fil-kċina lokali li hija mogħnija b'riċetti u tradizzjonijiet li sal-lum għad għandhom għeruq sodi fil-mod kif l-Isqallin jiċċelebraw dawn il-festi. Dan għax il-festi ta' l-Għid, bħall-kumplament tal-festi reliġjużi l-oħra iċċelebrati fi Sqallija għandhom marbuta magħhom il-platti, ħlewwiet u r-ricetti tipiċi tagħhom u li b'xi mod jew ieħor ifakkruna wkoll fis-simboli, fl-ambjent u fl-atmosfera li tgħaddi minnhom Sqallija f'dan il-perijodu partikolari tas-sena liturġika. Il-gastronomija jew il-produzzjoni ta' ħlewwiet u ikel artiġjanali tvarja daqskemm ivarjaw it-tradizzjonijiet u l-kulturi f'din il-gżira tal-ġirien tagħna minn provincja għal oħra. Il-kċina wkoll hija simbolu ċar ta' kultura popolari, sengħa u arti li ġiet influwenzata mill-ħakmiet, tmexxija u ġrajjiet li bħalna minnhom għaddew ukoll l-antenati Sqallin.

Żgur li din il-kcina hija ferm mogħnija grazzi għat-talenti li mal-milja taż-żmien dejjem kellhom il-koki professjonisti u n-nisa tad-dar, kif ukoll għall-varjetà ta' prodotti li taf tagħti l-art għammiela ta' Sqallija. Bis-saħħa tagħhom il-kċina tal-ġirien kisbet popolarità u fama mad-dinja kollha, anke jekk hija magħrufa l-aktar għall-maġija tagħha bl-użu ta' ingredjenti semplici bħalma huma l-ħxejjex. Fuq kollox il-kcina ta' l-Għid fi Sqallija hija għanja wkoll minħabba l-fatt li l-iSqallin ta' l-imgħoddi dejjem raw kif jagħmlu biex permezz tat-tisjir tagħhom għall-pranzu ta' l-Għid ipattu u jnessu s-sawm u l-astinenza tar-Randan Imqaddes





Ma jistax jonqos li l-ikla ta' l-Għid fi Sqallija hi ferm mistennija, għaliex daqs l-ikla tal-Milied jirnexxielha tgħaqqad lill-familji flimkien. Barra minn hekk għall-Isqallin il-festi ta' l-Għid huma ċċelebrati u mistennija ferm aktar minn dawk tal-Milied u għandhom kultura akbar. Aktarx li jkunu ħafna dawk il-familji li l-ewwel bħala familja magħquda jmorru flimkien għall-quddiesa ta' l-Ghid u jassistu għall-purċissjoni, speċjalment għaċ-ċerimonja ta' ***l'incontro*** bejn ix-xbiehat ta' Kristu Rxoxt u l-Madonna u wara li jkunu ipparteċipaw bi ħġarhom fil-ġirja bix-xbiehat jew biċ-ċapċip u l-ghajjat tagħhom, dawn ikomplu jiċċelbraw u jixxalaw bil-kbir fuq il-mejda mat-taħbit tat-tazzi ta' l-inbid u l-ikel ifuħ li jaqsamlek qalbek.

Huma bosta r-riċetti u l-platti Sqallin marbuta ma' dan ż-żmien festiv u ta' qawmien, ricetti li jvarjaw minn post għall-ieħor. F'dan l-artiklu qasir se nghati ħarsa ħafifa lejn il-kcina ta Modica.

Il-festi ta' l-Għid f'Modica huma kbar u mistennija l-aktar għall-purċissjoni famuża u popolari tal-Madonna *vasa-vasa* (***Maronna vasa-vasa***) u l- ***incontro***. Għahekk ma jistax jonqos li l-qofol tal-kċina Modicana jintlaħaq fil-festi ta' l-Għid imqaddes. Bħala bażi l-ħlewwiet ta' l-Għid, speċjalment fl-inħawi ta' Modica u madwarha dejjem għandek issibilhom bħala bażi id-dqiq, bajd, pastarjali u arkotta u li ħafna drabi huma kollha simboliżmu anke fl-istess forom tagħhom. Fost dawn insemmu l-bajd - xbieha tal-fertilità u ħajja ġdida li aktarx iva milli le, għandek issibha dejjem bħala ċ-ċentru tal-ħlewwiet. Magħha nsemmu wkoll kif il-ħaruf b'xebh ma' Kristu l-ħaruf ta' l-Għid li salva lill-umanità b'demmu bħalma l-ħaruf tal-Lhud salva lill-poplu mill-mewt meta dan kien qed jistenna s-sinjal tat-tluq mill-Egittu.

Fost dawn il-ħlewwiet tradizzjonali ta' Modica nistgħu insemmu ***il viscotti d'ova*** li llum għadhom isiru biss fil-kunventi tas-sorijiet għalkemm sa ftit snin ilu kull mara tad-dar kienet tħejji dawn il-***viscotti*** li bid-djalett tal-post huma msejħin ukoll bħala ***affucaparrini***. Dawn huma forma ta' gallettini magħmulin minn taħlita ta' dqiq u bajd li jingħataw diversi forom u li fin-nofs tagħhom dejjem titpoġġa bajda. Magħhom wieħed jista' jsemmi wkoll il ***palummedde*** jew ***palummeddi*** li hu bħal ħobż ħelu (bħal ta' San Martin) b'



bajda mqegħda f'nofsu. Dan kien jingħata lit-tfal biex jidilkuh biċ-ċikkulata. Dari dan il-ħobż ħelu kien ferm popolari l-aktar f'soċjetajiet agrarji tal-bdiewa.

Bħalma diġà ktibt ma jistax jonqos li l-ħaruf kellu u għandu l-importanza tiegu u bħala ħlewwiet ta' l-Għid f'dawn l-inħawi ta' Sqallija jsiru ***l'agnelli di pastareale***, il-ħrief tal-pastarjali magħmulin fuq forom tal gibs u l-pupi taz-zokkor. Aktarx li l-figolla li hija l-ħelu tradizzjonali Maltija ta' l-Għid kienet influwenzat bil-kbir minn din l-idea fejn aħna qbadna ż-żewġ ideat, dik ta' l-***affucaparrini*** u tal-pupi jew il-ħaruf u qegħdinhom f'waħda. Barra minn hekk fl-imgħoddi kienet ukoll popolari t-tradizzjoni li l frott jew jiżżejjen bil-ġelu inkella jsir frott tal-ħelu li minnu nnifsu fih biċċa xogħol ta' arti u għaliex il-frott huwa simbolu tan-natura ta' riġenerazzjoni, ta' fertilità u barka u wkoll ħajja, element li jispikka l-aktar bil-miġja tar-rebbiegħa.

Popolari ħafna hija wkoll il-ħamiema ta' l-Għid, magħmula mill-għaġina – ***la colomba*** hija simbolu tal-paċi u għalhekk f'munqarha titpoġġa fergħa żebbuġa li għandha wkoll rabta qawwija ma' l-ikonografija Kristjana. Dawn il-ħamiem jiġu magħmulin minn għaġina u ġieli jirreferu għalihom ukoll bħala ***i muscardini***. Bosta drabi dawn kienu jsiru  min-nisa tad-dar u ma kienux jinxtraw minħabba li kien ferm sempliċi biex tagħmilhom u għax jintużaw prodotti semplici bħalma huma d-dqiq, zokkor u zkuk tal-kanella. Maż-żmiem mill-forma tal-ħamiema żviluppaw ukoll forom oħra. Dawn it-tip ta' ħlewwiet kienu ferm popolari fl-inħawi ta' Modica l-antika u għalkemm għadhom isiru sal-ġurnata tal-lum bil-ftit il-ftit din t-tradizzjoni qed tnin ukoll.



Bħalma fl-inħawi tal-Campania fl-Għid insibu il-***pastiera Napoletana*** fi Sqallija zgur li qatt m'hi se tonqos il-***cassata*** (li dwarha ktibt aktar'il fuq). Għalkemm din hija popolari ma' Sqallija kollha (u anke f' Malta) l-interess li hemm f'dan il-ħelu

tradizzjonali f'Modica hu partikolari u minkejja li dan huwa ħelu tradizzjonali ta' l-Għid, illum din issibha tul s-sena kollha (bħalma f'Malta qed insibu nixtru wkoll tul s-sena kollha l-qgħaq ta' l-għasel li huwa l-ħelu tradizzjonali tal-Milied Malti). Barra minn hekk għaż-żmien ta' l-Għid insibu wkoll ***i cassatedi*** li huma produzzjoni tal-***cassata*** imma f'forma iżgħar u li fihom jintużaw ukoll z-zkuk tal-kannella. Ħelu ieħor li huwa marbut maż-żmien l-Ghid huwa ***le palmette*** li huma bħal pastini tal-lewż u bajd li jingħataw il-forma ta' palma li tfisser rebħa. Wara li jinħmew dawn jinksew biz-zokkor kulurit. Fl-aħħar nett ma ridx li ninsa li nsemmi l-kwareżimal li huwa l-ħelu Sqalli tar-Randan imqaddes u li maż-żmien intrabat ukoll mat-tradizzjonijiet tar-Randan




*Pastizzeria & Confectionery*

**Caterers for all Functions**

Robert Mercieca
*Proprietor*

**Triq iċ-Ċawsli, Qormi**
**Tel: 2144 2887 (Dolceria), 2144 0373 (Shop) — Mob: 9944 3394**

J.V.Meli Imports

KANRICH®




VIDEO
INTERCOM
SYSTEMS

*Peace of Mind for your home or business*

DIGITALZONE

47/48 Luqa Rd, Paola.

Tel: 21 667 200

www.digitalzone.com.mt

# Is-Seba' Kelmiet ta' Ġesù

kitba ta' Fr. John Curmi

F'diversi waqtiet fuq il-Kalvarju, Ġesù fetaħ fommu u tkellem. Dawn inġabru fil-vanġeli u ġew mgħożża bħala l-aħħar seba' kelmiet ta' Ġesù. Huma kelmiet li juru l-kwalitajiet divini u umani ta' Ġesù. L-ewwel kelma turi l-qalb kbira u ħanina ta' Ġesù: **"Missier aħfrilhom għax ma jafux x'inhuma jagħmlu."** Xejn inqas it-tieni kelma: **"Il-lejla stess tkun il-Ġenna miegħi."** Kelma ta' tama u ta' salvazzjoni. It-tielet kelma tafda lil ommu għażiża fil-ħarsien tad-dixxiplu l-maħbub u viċi versa: **"Mara hawn hu ibnek."**, **"Hawn hi ommok."** L-uġiegħ u t-tbatija baqgħu jkomplu jagħfsu fuq Ġesù u minn fommu tnisslet il-kelma, stramba u tqila biex tifhem: **"Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex abbandunajtni."** Imbagħad kelma ta' għatx kbir: **"Għandi l-għatx."** Imbagħad jersaq it-tmiem. Dak li kellu jagħmel, Ġesù kien għamlu u għamlu bil-qalb u b'sottomissjoni qaddisa lejn il-Missier: **"Kollox hu mitmum."** Issa kien baqa' biss li jmur lura għand il-Missier. U hawn Ġesù jintelaq f'idejH: **"Missier nerħi ruħi f'idejk."**

## "Missier, aħfrilhom għax ma jafux x'inhuma jagħmlu."

Min isibha diffiċli biex jaħfer għandu jpoġġi din il-kelma għażiża quddiem għajnejh. Hija kelma li turi l-qalb ħanina ta' Ġesù li ġie fid-dinja mhux biex jikkundanna d-dinja, imma ġie biex isalvaha. Hija l-maħfra ta' Alla rrivelata f'Ġesù dejjem pronta, dejjem ġeneruża. Hija kelma li nsibuha biss fil-Vanġelu ta' San Luqa (Lq 23:34), vanġelu li jinsisti kontinwament fuq il-ħniena u l-maħfra ta' Alla.

Aktarx li Ġesù lissen din il-kelma waqt li kien mixħut fl-art u kienu qed isammrulu idejh mat-traversa tas-salib. F'dan il-mument ta' uġiegħ kbir, f'dan il-waqt ta' biża' u ansjetà, Ġesù juri li hu tassew is-Salvatur, juri tabilħaqq x'hemm fil-qalb tiegħu u jdur lejn Alla u jsejjaħlu bl-isem sabiħ ta' Missier. Bil-qalb talbu jaħfer. Talbu jaħfer lill-mexxejja reliġjużi li wassluh fejn wassluh. Il-gideb u t-tixwix tagħhom. L-għira li kienet għerrietilhom qalbhom. Ir-ras iebsa tagħhom li b'xejn ma riedet tara s-sinjali li Ġesù kien il-Messija, l-Iben ta' Alla. Talbu jaħfer lill-poplu ingrat għal dak li kien għamel miegħu. Fejn kienu l-lebbrużi li kien fejjaq, l-għomja li kien tahom id-dawl, il-meħlusin li kien skonġra minnhom ix-xjaten? Fejn kienu l-morda li kien tahom is-saħħa mill-ġdid? Fejn kienu l-familjari ta' dawn kollha u l-oħrajn li kienu hemm jaraw u jistgħaġbu b'dak li kien jagħmel?


TRY US NOW & See how much you could be Saving...
on your motor insurance!
Instant quotations from a selection of leading Motor Insurers;
Chance of being refunded the premium paid through a monthly lottery
NO FORMS TO FILL...Motor Insurance cover, there and then;
Payment of Licence at NO EXTRA CHARGE!
FREE annual ROAD SIDE ASSISTANCE MEMBERSHIP*
*available with most Insurance Products
Aon Malta Ltd. is regulated by the MFSC
Join the hundreds of satisfied clients!
We can help you SAVE...call FREEPHONE 800 7 33 66

Talbu jaħfer lil Pilatu beżżiegħ, ifendi għal rasu, jaħsel idejh flok jieħu l-azzjoni ġusta. Talbu jaħfer lis-suldati li kienu qed jagħmlu dak li jqabbduhom jagħmlu ta' fuqhom, kultant bis-sehem tagħhom ukoll ta' kefrija u ħruxija liema bħalha. Fuq kollox talab lill-Missier jaħfer lilna lkoll, lili u lilek. Għax aħna wkoll midinbin; għax aħna wkoll bid-dnubiet tagħna sallabna 'l Kristu. Daqshekk hu ikrah id-dnub u l-ħażen tagħna. Aħna wkoll beżżiegħa, ilkoll infendu għal rasna, aħna wkoll kultant kefrin, ingrati, rasna iebsa, suppervi, għajjurin, xewwiexa… Iva talbu jaħfer lilna. Ġejna maħfurin. U allura min jien jien biex ma naħfirx u nibqa' iebes, stinat? Ma naħfirx jew naħfer biss meta jidhirli jien?

Iva b'din il-kelma Ġesù kien qed jgħix dak li kien ippriedka "Ħobbu lill-għedewwa tagħkom, itolbu għal min jippersegwitakom." (Mt 5:44) Kien qed juri lil Pietru u lil min bħalu jsibha diffiċli biex jaħfer: "Kemm-il darba rridu naħfru? Seba' darbiet?" Ġesù wieġbu: "Le Pietru, mhux seba' darbiet iżda seba' għal sebgħin darba." (Mt 18:20) Iġifieri dejjem.

B'din l-ewwel kelma Ġesù kien qed iġib fix-xejn il-liġi l-qadima li tant għadhom jemmnu fiha l-Għarab u l-Lhud illum. Il-*lex talionis* – Għajn għal għajn u sinna għal sinna. Araw x'jiġri llum fl-Iraq, f'Israel u fil-Palestina!

Min jisma' din il-kelma nobbli ta' Ġesù ma jistax jibqa' iebes u stinat. Irid jaħfer u jaħfer bil-qalb, bħalma ħafer Ġesù u għadu jaħfrilna! Mulej agħtina l-grazzja li naħfru lill-oħrajn bħalma taħfrilna int.

## "Tassew ngħidlek, illum tkun il-Ġenna miegħi."

Biex nifhmu n-nobbiltà u s-sentimenti profondi ta' din il-kelma, irridu nifhmu sewwa s-sitwazzjoni li fiha ntqalet. Ġesù kien imsallab u msallab bejn żewġ ħallelin. Kristu, safi, bla tebgħa ta' dnub, l-istess Iben ta' Alla hu insultat u umiljat bil-mewt tal-kriminali. Sar kriminal fost il-kriminali! F'dan il-mument ta' fuq il-Golgota, ix-xitan u t-tentazzjonijiet tiegħu kienu fl-aqwa tagħhom. Ix-xitan lil Ġesù ma ttantahx biss fid-deżert iżda tul ħajtu kollha. Donnu t-tentazzjoni l-kbira ta' Ġesù kienet li juri l-kobor, is-setgħa u l-glorja tiegħu għalih nnifsu u mhux għall-glorja tal-Missier. "Jekk inti l-Iben ta' Alla," kien jittantah ix-xitan: "għid lil din il-ġebla ssir ħobż" (Lq 4:3), "inxteħet minn hawn għal isfel…" (Lq 4:9). U fuq il-Golgota, ix-xitan iddisprat għax kien jaf li kien se joħroġ tellief bil-mewt u l-qawmien ta' Kristu, jinqeda b'kulħadd b'din l-istess tentazzjoni. "Jekk hu l-Messija, il-Maħtur ta' Alla, ħa jsalva lilu nnifsu!" (Lq 23:35) qalu l-kapijiet tal-poplu. Is-suldati wkoll ħallew ix-xitan jinqeda bihom: "Jekk inti s-sultan tal-Lhud salva lilek innifsek!" (Lq 23:37). Xejn inqas Pilatu li waħħallu fuq is-salib kitba li tgħid: "Dan huwa s-sultan tal-Lhud." (Lq 23:38) U ma' dawn kollha jingħaqad il-ħalliel il-ħażin: "Int m'intix il-Messija? Salva lilek innifsek u lilna." (Lq 23:39)

Hawn insibu 'l Ġesù fl-agunija tiegħu, midrub u muġugħ, umiljat u ddisprezzat, ittentat biex jagħmel xi ħaġa u jsalva ġildu qabel ma jkun tard wisq! Fl-għajnejn ta'




**BRIAN**

**TYRE SERVICE**

**Mdina Road, Żebbuġ**

**Tel: 21 461067**

**Noel Auto Dealer**

**Japanese Cars**

# L-INVELL IRONMONGERY

*(Paint Centre)*

**M.A. Sapiano Str., Żebbuġ** (By-Pass ta' Ħal Muxi)
**Telephone: 2146 0500 - Mobile: 9982 9575**

**GĦAŻLA** ta' 10,000 kulur taż-żebgħa mix-*Shade Card* tal-Bartoline

**INĦALLTU** dejjem bil-kulur li tixtieq int: water paint, plastic paint, tar-ramel, roof compound u Acrylic

**NISTOKKJAW** ukoll: Sigma, Machperson, Tempra, Airflow, Berger u Hempel

**INBIEGĦU** aċċessorji tad-dawl u l-ilma, gysers, mixers, katusi, Household goods, cement, ġir u ġibs eċċ…

**NIKRU** Jiggers u Mixers

**DISCOUNT QAWWI FUQ IŻ-ŻEBGĦA**

dawk preżenti Ġesù kien jidher falliment totali. Kien se jmut u kollox deher li kien se jispiċċa miegħu: kliemu, it-tifkiriet tiegħu, il-mirakli, it-tħabbira tas-saltna ta' Alla… Iżda f'dan il-mument ta' falliment, ġrat xi ħaġa mhux mistennija. Wieħed mill-ħallelin għaraf l-innoċenza ta' Ġesù u d-dnubiet tiegħu nnifsu; il-kobor ta' dan ir-raġel Ġesù u x-xejn tiegħu; li kien raġel midneb: "Lanqas minn Alla int ma tibża', int li qiegħed taħt l-istess kundanna? Tagħna hija ġusta, tassew, għax qegħdin nieħdu li ħaqqna ta' kull m'għamilna, imma dan ma għamel xejn ħażin." (Lq 23:40-41) Huma kliem profondi li juru ndiema u sogbgħa ġenwina min-naħa tal-ħalliel it-tajjeb. Għarfien min-naħa tiegħu li kien żbalja u s-sentenza tal-mewt fuqu kienet ġusta. Bil-mewt fuq is-salib kien forsi se jpatti b'xi mod għall-għemil ħażin tiegħu kontra Alla u l-bnedmin. Kienet se ssir ġustizzja! Għarfien li issa kellu bżonn il-kompassjoni, il-maħfra u l-ħniena. U dawn fittixhom fil-persuna ta' Kristu s-Salvatur: "Ftakar fija meta tkun fis-saltna tiegħek." (Lq 23:42) U dawn sabhom bil-kbir għax ir-risposta ta' Kristu għadha sa llum iċċaqlaq il-qlub l-iktar iebsa tal-bnedmin: "Tassew ngħidlek, illum tkun fil-Ġenna miegħi." (Lq 23:43) Quddiem l-insulti, Ġesù baqa' sieket. Lil ħadd ma rrisponda Ġesù, imma 'l dan il-midneb sogħbien irrispondih u bil-qalb! Veri l-kliem ta' l-Iskrittura: "Qalb niedma u sogħbiena int ma twarrabhiex o Alla!" (S50) "Ma rridx il-mewt tal-midneb iżda li jbiddel ħajtu u jgħix." (Eżek 33:11) Il-ħalliel seraq il-Ġenna wkoll! Hemm bżonn li nagħrfu aħna wkoll li aħna midinbin! Hemm bżonn li b'qalb niedma u sogħbiena nduru lejn Alla u nitolbuh kompassjoni, maħfra u ħajja ġdida.

## "Mara, hawn hu ibnek."
## "Ħawn hi ommok."

Fuq is-salib, Ġesù jafda lil ommu għażiża f'idejn id-dixxiplu l-maħbub. U minn dak il-ħin, id-dixxiplu ħadha għandu. (Ġw 19:27) Ġesù għex fqir u ma kellux wirt x'iħalli. Kien ħieles mill-irbit tad-dinja. Twielet fqir, għex fqir u miet fqir. Kull ma kellu kienet biss ommu l-għażiża li ried jafdaha f'idejn id-dixxiplu li kien iħobb, kif fil-fatt sar. Iżda spiritwalment din it-tielet kelma hi aktar profonda minn hekk. Hawnhekk għandna żewġ persuni li se jieħdu ħsieb ta' xulxin. Il-mara, li hi Marija, hi mogħtija b'rigal biex tieħu ħsieb id-dixxiplu fir-ruħ u fil-ġisem. U d-dixxiplu se jieħu ħsieb ta' ommu mhux biss fis-sens ta' qima iżda fis-sens ukoll li se jħares lejha bħala omm u mudell li tmexxih u li tiggwidah fil-ħajja! U t-tmexxija ta' Marija diġà nafuha għax tathielna fit-tieġ ta' Kana: "Agħmlu dak li jgħidilkom Hu." (Ġw 2:5) Fil-Vanġelu ta' San Ġwann id-dixxiplu li Ġesù kien iħobb m'għandux isem avolja nagħrfu fih 'l Ġwanni. M'għandux isem għax l-awtur ta' dan il-vanġelu jrid jgħidilna li dak id-dixxiplu maħbub minn Ġesù huwa jien u int li għażilna lil Ġesù bħala l-Mulej u l-Imgħallem tagħna. Jekk aħna verament dixxipli rridu naraw li f'ħajjitna kull ma ngħidu u kull ma nagħmlu nfittxu dak li jrid Ġesù! Id-dixxiplu

*ikompli f'paġna 35*

# IT-TAQSIMIET



## Taqsima I: IĊ-ĊENAKLU

Rappreżentat b'sett ta' tlettax-il statwa kbira u artistika, imdawra mal-mejda mimlija ikel imsajjar skond ir-rit Lhudi. Din is-sena x-xenarju tal-kamra taċ-ċenaklu u l-kummentarju saru ġodda.

## Taqsima II: IL-KRUĊIFISSJONI

Xogħol grandjuż, b'għaxar statwi kbar li flimkien max-xenarju, mal-kummentarju u ma' l-effetti ta' dwar u ħsejjes jagħmlu l-wirja waħda realistika u impressjonanti.

## Taqsima III: ID-DIFNA

Taqsima ġdida bi statwi kbar li turi 'l Kristu jinġarr lejn il-qabar. Hija ambjentata f'xelter tal-gwerra taħt l-art li ġie mżejjen biex joħloq l-ambjent tal-post tad-difna.

***L-istatwi 'life-size' f'dawn it-tliet taqsimiet huma xogħol l-iskultur Alfred Camilleri***

# TAL-WIRJA



## Taqsima IV

Sett ta' vari żgħar artistiċi maħduma minn Anthony Magri u esebiti minn Jonathan Agius. (ara ritratti f'paġni 6 u 7)

## Ħinijiet tal-Wirja

**Mill-Ħamis 17 ta'Marzu sa l-Erbgħa 23 ta' Marzu 2005**

***10.00 - 12.00 u 18.00 - 22.00***

**Il-Ħamis 25 ta' Marzu 2005**

***10.00 - 12.00 u 18.00 - 23.00***

**Il-Ġimgħa 25 ta' Marzu 2005**

***09.00 - 13.00 u 15.00 - 22.00***

K-OPTICS
OPTICAL CENTRES

# Qualified Dispensing Opticians

## 8, Triq Sant'Antnin, Ħaż-Żebbuġ

## Tel: 2146 7651

**Għal dak kollu li għandek bżonn għall-għajnejk, K-Optics joffru:**

Servizz ta' 24 siegħa kważi fuq kollox li jinkludi:
Anti Reflection Coating biex il-ħġieġ ma jleqqx • Ultra Violet Coating biex jipproteġilek għajnejk mir-raġġi tax-xemx u tal-computer monitors,
Hard Coating biex tevita l-brix mil-lentijiet tal-plastik.

**Joffru wkoll**

Contact Lenses bit-Lm13-il par u dak kollu li għandek bżonn għalihom.

L-iżjed ditti famużi tan-nuċċalijiet tax-xemx u tal-viżta bħal Sting, Police, Fila, Lozza, Fendi, La Perla, Etro, Celine, Furla, Givenchy, YSL, Christian Dior, Escada, Armani, .

**Speċjalista ta' l-għajnejn kull nhar ta'**

It-Tnejn filgħaxija • L-Erbgħa filgħodu • u s-Sibt filgħodu

Il-prezzijiet tan-nuċċalijiet jibdew minn Lm12 'il fuq.

**Head Office**

*Rockland* 5, Windsor Terrace, Sliema, Malta
Tel: 2131 8771 Fax: 2131 0094

98, Żabbar Road, Paola, Malta
Tel: 2180 4619

28, Republic Square, Żurrieq, Malta
Tel: 2164 1052

47, Triq Madonna tal-Bon Kunsill, Żejtun
Tel: 2182 1647

Tiġrija Palazz Complex, Victoria, Għawdex
Tel: 2156 4161

**e-mail: koptics@vol.net.mt**
**Website: www.maltawide.com/koptics**

veru ta' Ġesù hu dak li jagħmel dejjem ir-rieda ta' Alla, kif għamlitha Marija, id-dixxiplu per eċċellenza.

## "Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni?"

Kelma tqila, kważi stramba, diffiċli biex tifhimha! X'qed jgħid Ġesù meta Hu "ħaġa waħda mal-Missier"? (Ġw 17:22) "Min ra lili ra lill-Missieri." (Ġw 14:9)! L-isfond ta' din il-kelma huwa d-dlam li ħakem il-Golgota bejn nofsinhar u t-tlieta. Din l-għajta, jgħidilna San Mattew (Mt 27:46), Ġesù lissinha madwar it-3.00pm. In-nies ħasbu li kien qed jgħajjat lil Elija imma Ġesù kien qed jgħajjat lil Alla. Mela Ġesù mhux Alla wkoll? Fil-fatt in-Nestorjani u l-Arjani, eretiċi t-tnejn, użaw din il-kelma ta' Ġesù biex isostnu li Ġesù kien biss bniedem u f'dan il-mument ħass l-abbandun ta' Alla!

Xi tfisser mela din il-kelma? Ġesù sofra ħafna internament. Sofra t-tradiment ta' Ġuda u Pietru, sofra n-nuqqas ta' gratitudni tal-poplu li kien tant iħobb, sofra s-slealtà ta' l-appostli li x'ħin kellu bżonnhom ħarbu u dabbru rashom… u issa saħansitra l-abbandun ta' Alla. X'kien qed jiġri?

Ġesù, veru Alla u veru bniedem, magħqud ħaġa waħda mal-Missier fl-imħabba, hawnhekk fuq is-salib qed jerfa' fuqu l-miżerji kollha u d-dnubiet kollha ta' l-umanità: "Fuqu refa' l-ħtijiet tagħna." (Lh 9:28; Iż 53:4; 1Pt 2:24) "Hu li ma kienx jaf x'inhu dnub, Alla għamlu dnub għalina sabiex aħna nsiru fih ġustizzja ta' Alla." (2 Kor 5:21) Ġesù f'dan il-mument jesperjenza d-dlam u d-dieqa tal-mewt tagħna l-bnedmin kollha, il-miżerja u t-toqol tal-mard tagħna l-bnedmin kollha, il-vojt li jħalli fina d-dnub u l-ħondoq li joħloq bejna u bejn Alla. Dan hu l-abbandun li kien iħoss Ġesù f'isimna u għalina lkoll u b'sens ta' fidwa li ġġibilna t-tama u ssaħħilna l-fidi. F'din il-kelma naraw il-prezz li ħallas Ġesù biex jifdina u jsalvana. Hi karba ta' l-abbandun fil-fidi murija b'mod l-iktar ċar, fil-kliem: **"Alla tiegħi, Alla tiegħi"**.

## "Għandi l-għatx"

Ġesù kien tilef ħafna dmija u ilma minn ġismu. Fl-Ort tal-Ġetsemani kien għereq l-għaraq tad-demm. (Lq 22:44) It-tensjoni u l-biża' kienu għamlu tagħhom. L-ansjetà kienet għamlet tagħha wkoll quddiem Erodi, Kajfa u Pilatu. Ħallew l-effett tagħhom ukoll is-swat bla ħniena, il-kuruna tax-xewk u l-mixja bis-salib sal-Kalvarju. M'hemmx dubju li l-għatx kien tassew kbir. Wieħed mis-suldati xarrab sponża bil-ħall, waħħalha ma' qasba ta' l-issopu u ressaqhielu lejn ħalqu.

Iżda l-għatx ta' Ġesù fuq is-salib hu għatx iktar profond. L-għatx ta' Ġesù hu għatx għal Alla. "Ruħi bil-għatx ghalik o Alla tiegħi, ruħi bil-għatx għal Alla Ħaj." (Salm 42:2) "Ruħi bil-għatx għalik o Alla bħal art niexfa maħruqa tistenna l-ilma." (Salm 62:3) Hu għatx ukoll għalina l-bnedmin, l-oġġett ta' l-imħabba immensa



ALCATEL
Speed up
your business
with better communications
Comsec Ltd.

tiegħu li għalina minn Alla sar bniedem, sar xejn biex permezz tiegħu aħna nsiru sinjuri. "U Ġesù ra kotra kbira ta' nies tħassarhom għax kienu qishom nagħaġ bla ma għandhom ragħaj." (Mk 6:34) "Ġerusalemm, Ġerusalemm… kemm-il darba ridt niġbor lil uliedek bħalma l-qroqqa tiġbor il-flieles taħt ġwenħajha, u int ma ridtx!" (Mt 23:37) Hu bla dubju għatx kbir u kompassiv ta' min qalbu tfur bl-imħabba lejn il-maħbub – il-bnedmin kollha. Hu l-istess għatx xi ftit jew wisq ta' Ġesù f'Sikar fis-Samarija (Ġw 4) mhux tant wisq għall-ilma tal-bir ta' Ġakobb, daqskemm għall-qalb tas-Samaritana, mara midinba, persuna oħra bla isem għax tirrappreżenta lili u lilek. Fina wkoll għandu jkun hemm dan l-għatx; sew l-għatx għal Alla, għal Alla ħaj u sew l-għatx li naraw lil ħutna l-bnedmin huma wkoll jagħrfu lil Ġesù u jsiru jħobbuH. Dan hu għatx li lilna jagħmilna dixxipli u appostli ta' l-Imgħallem.

## "Kollox hu mitmum."

"Kollox hu mitmum." Ġesù ma qalx spiċċa kollox. Anzi kollox kien qiegħed jibda. Huma aktarx kliem ta' sodisfazzjon, ta' kuntentizza għax dak kollu li kien mitlub minnu mill-Missier kien twettaq, b'impenn kollu mħabba, b'sottomissjoni ta' fidi kbira fil-Missier. Is-sagrifiċċju perfett u waħdieni kien offrut fuq is-salib. Kienet waslet il-milja tas-salvazzjoni. Ix-xitan kien għoddu mirbuħ. Issa seta' jmut.

Is-sitt kelma hija l-konklużjoni jew it-tmiem tal-kliem li Ġesù kien qal fl-Ort tal-Ġetsemani. "Missier biegħed minni dan il-kalċi iżda ħa jsir mhux dak li rrid jien iżda dak li trid int." (Mk 14:36) Kristu fuq is-salib hu l-eżempju perfett għalina li ġejna msejħin biex nagħmlu f'ħajjitna dejjem ir-rieda ta' Alla. "Mhux kull min jgħid Sinjur, Sinjur jidħol fis-Saltna tas-Smewwiet, iżda min jagħmel ir-rieda ta' Missieri." (Mt 7:21) Hekk ukoll ħeġġiġna nitolbu: "ikun li trid int, hekk fis-sema, hekkda fl-art." (Mt 6:10) Tgħid fuq is-sodda tal-mewt tagħna, għad ikollna dan is-sodisfazzjon li f'ħajjitna aħna wkoll fittixna li bis-serjetà nagħmlu dak li Alla ried minna?

## "Missier f'idejk jien nerħi ruħi."

Ġesù jmejjel rasu. Ġie offrut il-Ħaruf ta' Alla li jneħħi d-dnubiet tad-dinja. Kif miet Ġesù? L-evanġelisti kollha jgħidulna li Ġesù "radd ruħu". (Mt 27:50; Mk 15:37; Lq 23:46; Ġw 19:30) San Luqa jkompli jżid dettal ieħor – li għajjat għajta kbira. Hija mewta volontarja, ħierġa mir-rieda libera ta' Ġesù fid-dawl tas-sottomissjoni fidila tiegħu lejn il-Missier. Fil-parabbola tar-ragħaj (Ġw 10), Ġesù jitkellem fuqu nnifsu bħala r-ragħaj it-tajjeb li jagħti ħajtu għan-nagħaġ tiegħu. U dan għax iħobb in-nagħaġ. Mhuwiex mikri. "Għalhekk iħobbni l-Missier, għax jiena nagħti ħajti, biex nerġa' neħodha. Ħadd ma jeħodhieli, iżda jien nagħtiha minn rajja. Ghandi setgħa li nagħtiha, u għandi setgħa li nerġa' neħodha; din hi


ALWAYS CLEAN


The Village Jewellers
Leaders in Silver Jewellery fashion
Souvenirs in Silver 925

l-ordni li ħadt mingħand Missieri." (Ġw 10:17-18) Ġesù f'kelma waħda qiegħed jgħid hawnhekk li ruħu jroddha Hu, x'ħin jagħti l-permess Hu, bis-setgħa li x'ħin irid jerġa' jeħodha. Stqarrija tassew unika u ta' l-għaġeb però ejjew ma ninsewx li Ġesù veru bniedem huwa wkoll veru Alla. Hija mewt kollha mħabba u ubbidjenza ta' Ġesù lejn il-Missier. Hija mewt kollha mħabba u kompassjoni lejna l-bnedmin. "M'hemmx imħabba ikbar minn din, li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu." (Ġw 15:13) U aħna ħbiebu tant li Ġesù għamilna ulied il-Missier, irrikonċiljana miegħu. "Mela, meta aħna konna bla saħħa, Kristu meta wasal iż-żmien, miet għall-ħżiena. Bilkemm wieħed imut għal wieħed tajjeb; għad li wieħed għandu mnejn jagħmel il-qalb u jmut għal wieħed ġeneruż. Iżda Alla uriena l-imħabba tiegħu meta Kristu miet għalina, aħna li konna għadna midinbin. Kemm aktar u aktar issa li aħna ġġustifikati b'demmu, insalvaw permezz tiegħu mill-korla ta' Alla! Jekk meta konna għadna għedewwa ta' Alla tħabbibna miegħu bis-saħħa tal-mewt ta' Ibnu, kemm aktar issa, li aħna ħbieb miegħu, insalvaw permezz tal-ħajja tiegħu? Mhux hekk biss, imma niftaħru wkoll f'Alla b'Sidna Ġesù Kristu li permezz tiegħu ksibna din il-ħbiberija." (Rum 5:6-11) "Hawn qiegħda l-imħabba, mhux għax aħna ħabbejna 'l Alla, imma għax ħabbna Hu u bagħat lil Ibnu biex ikun ta' tpattija għal dnubietna." (1 Ġw 4:10) Is-salvazzjoni tagħna l-bnedmin seħħet. Il-mewt ta' Ġesù fuq is-salib tidher falliment f'għajnejn id-dinja iżda s-salib fl-għajnejn ta' Alla hu l-fidwa ta' l-umanità. "Kull min jara 'l Iben u jemmen fiH, ikollu l-ħajja ta' dejjem. U jiena nqajmu fl-aħħar jum." (Ġw 6:40) Il-mewt ta' Ġesù ċaqalqet il-qlub saħansitra ta' dawk miġbura fuq il-Golgota li marru lura d-dar "iħabbtu fuq sidirhom" (Lq 23:48) u xejn inqas il-qalb taċ-ċenturjun pagan li beda jfaħħar 'l Alla u jgħid "Tassew li dan bniedem ġust" (Lq 23:47); "Dan il-bniedem kien tassew Bin Alla." (Mk 15:39) Tgħid il-Passjoni ta' Kristu se ċċaqlaqha l-qalb tagħna aħna u naqraw dan kollu?

Mal-mewt ta' Kristu fuq is-salib ġraw xi affarijiet straordinarji li kollha fihom sinifikat. Iċċartet il-purtiera tat-Tempju minn fuq s'isfel. B'hekk il-post fejn jgħammar Alla li l-poplu qatt ma seta' jidħol fih, issa nfetaħ beraħ għalih. Ġesù fetaħ it-triq li twassal għand Alla. Alla li kien 'il bogħod issa sar Alla viċin. Minn issa 'l quddiem kull bniedem huwa mistieden jersaq u jsib lil Alla. U Alla lest li jerfgħu fuq spallejH u jgħannqu miegħu.

San Mattew jirrakkonta wkoll li sar terremot u l-oqbra tal-mejtin infetħu u "qamu ħafna iġsma ta' qaddisin li kienu mietu." (Mt 27:52) X'ifisser dan? Li bil-mewt u l-qawmien ta' Kristu ntrebħet il-mewt tagħna u aħna li mmutu ma' Kristu, għad nirxoxtaw miegħu wkoll għall-ħajja ta' dejjem. Hieni hu min jemmen f'Ġesù li miet u rxoxta!

Take 4

VIDEO & DVD RENTALS

DVD VHS

24, Misraħ San Filep,
Ħaż-Żebbuġ

Tel: 2146 6604

Tech Zone

The Solution for your Computer System.

- Sales
- Upgrades
- Repairs

We Accept Student Smart Card



We have a Wide Range & Unbeatable Prices on UPSs.
Specialising in Networks and Custom made Software,
Web design & Hosting + Internet Services

**Individual Care and Attention**

Mob: 9942 2481 Tel: 2146 1696 Fax: 2333 1191
E-mail: sandro@techzonemt.com

# Lill-Madonna tad-Duluri

O Madonna – Omm ħanina
b'qalb imnikkta, ħarstek fuqi tfajt
u lili lqajt bit-tbissima.

Bi drieghek setgħan, għintni nqum
biex lejk ersaqt, b'umiltà tlabt.
Lili saffejt minn tant uġiegħ,
f'riġlejk stenbaħt u bla ma
kont indunajt – sibt wiċċi
maħsul mid-dmugħ fost ħafna lfiq.

Ja omm imnikkta
mixħuta hawn ħdejk, lejk ħarist
u lilek ilmaħt b'nofs tbissima.
Rajtek ħajja b'ilbies kaħlani,
mbikkija ssofri b'wiċċek safrani.

Lili sejjaħtli biex 'l ibnek turini,
b'leħnek sod ta' omm il-ħniena
xtaqt issabbarni u xtaqt ukoll
tkompli tkellimni… biex lid-
dinja turi li int sultana tas-sema.
Imbikkija bla ma qatt trid turi,
wiċċek jibqa' jitbissem fost
ħafna lwien ta' bukketti ta' fjuri.

**Maria Natasha Grech**
03.02.2005


# FREDDIE'S

Għand Freddie ssibu żraben eleganti tan-nisa,
żraben għal tibdila, ta' l-irġiel u tat-tfal, casuals,
sport shoes minn ditti renomati, basktijiet ta'
l-iskola, handbags u kartieri

***Sciortino Street, Żebbuġ***

# FOOTWEAR

***Tel: 2146 5915***




**Twanny Spiteri**

**Funeral Service**

**24 Hour Service**

**4, 'Shalom', Triq il-Watar,**
**Ħal Mula, Ħaż-Żebbuġ**

**Day/Night**
**Tel: 2146 0950 • Office: 2147 2219**
**Mob: 9947 1168**

# Il-Ġimgħa Mqaddsa fil-Filatelija

**It-Tielet Parti**

kitba ta' Carmel Scicluna Bonnici

L-użanza li jinħarġu bolol bi stampi marbutin mal-Ġimgħa Mqaddsa ma nsibuhiex biss f'pajjiżi Nsara imma wkoll f'**pajjiżi ta' reliġjonijiet oħra.** Fl-artiklu ta' dis-sena ser nerġgħhu nibdew mill-ewwel ittra tal-alfabett u fost il-pajjiżi li ser nitkellem dwarhom hemm uħud minn dawn **ta' l-aħħar**. Hija l-prattika li dawn is-settijiet jissejħu tal-Għid u mhux tal-Ġimgħa l-Kbira. **Fost dawn gieli nsibu settijiet b'suġġetti profani – jiġifieri l-istampi ma jkollhom xejn x'jaqsmu mal-Gimgha l-Kbira iżda jkunu per eżempju fjuri. Settijiet bhal dawn se nhallihom barra.**

## Aitutaki

Din hija gżira żgħira (bi popolazzjoni ta' xi 3000 biss) fin-nofs inhar tal-Oċean Paċifiku, waħda mill-Gżejjer Cook **hekk** imsemmija għa**n-navigatur** Ingliż James Cook li kien skoprihom. Fl-1901 il-Brittania kienet għaddiet l-amministrazzjoni tal-Gżejjer Cook **minn idejha ghal idejn il**-Gvern ta' New Zealand. Fl-1903 dehru l-ewwel bolol li waqt li kienu ta' New Zealand kienu jġibu wkoll l-isem ta' Aitutaki. Dan **l-arrangament** kompla hekk sal-1917. Imbagħad fl-1920 il-bolol bdew ikunu ta' Cook Islands iżda bl**-isem** ta' Aitutaki **inserit**. Fid-9 t'Awissu 1972 Aitutaki ġiet stabbilita bħala l-port uffiċjali tal- Gżejjer Cook u beda jkollha servizz postali tagħha separatament minn tal-gżejjer l-oħra. L-isem fuq il-bolol issa beda jidher bħala Aiututaki – Cook Islands.



Fl-1973 ħarġet l-ewwel sett tal-Għid fejn l-isem kien miktub biss bħala Aitutaki. Huwa sett ta' tnax il-bolla tassew sbieħ (erbgha stampi għal kull valur ta' 1c, 5c u 10c) li jirrappreżentaw:


ATTRANS
International Trailer Operators
Attrans Limited
Attrans Depot, Mdina Road, Żebbuġ ZBG 06, Malta
Tel: (+356) 2146 1259, 2146 6269, 2146 3252/3 Fax: (356) 2146 5675
Direct: (+356) 2146 3252 — Mobile: 9949 8345

Fuq taċ-1c: Ġesù imżeblah (ta' Grunewald); Santa Veronica (ta' Van der Weyden); il-Kruċifissjoni ta' Kristu fejn jidhru wkoll il-Madonna, anġli u qaddisin (ta' Raphael); il-Qawmien mill-Imwiet (ta' Piero della Francesca).

Fuq tal-5c: L-aħħar Ċena (Master ta' Amiens); il-Kundanna (ta' Holbein); Kristu fuq is-salib (ta' Rubens); il-Qawmien mill-mewt (ta' El Greco).

Fuq tal-10c: Ġesù jiġi mneżża minn ħwejjġu (ta' El Greco); Santa Veronika (ta' Van Oostsanen); Kristu fuq is-salib (ta' Rubens); l-Irxoxt (ta' Bouts).



Settijiet oħra tal-Għid li nħarġu kienu :

- fl-1976 sett ta' tliet bolol (15c, 30c u 35c) li kollha juru dettalji minn pittura ta' Ġesù mniżżel minn fuq is-salib, magħmula mill-iskola Flemminga tal-ħmistax-il-seklu;
- fl-1977 sett ta' tliet bolol (15c, 20c u 35c) maħruġ biex ifakkar l-400 mitt sena mit-twelid tal-pittur Rubens u li jirrappreżentaw rispettivament: lil Kristu fuq is-salib (detttal), lin-Nisa ta' Ġerusalemm jibku lil Kristu u lil kristu bix-xewk.



- fl-1978 sett ta' tlieta (15c, 20c u 35c) li rispettivament juru dawn il-pitturi li jinsabu fil-Louvre ta' Parigi: Kristu fi triqtu lejn il-Kalvarju (ta' Martini), id-Duluri (Pietà) ta' Avignon (ta' E. Quarton) u il-Pellegrini ta' Emmaus (ta' Rembrandt).

## Ajman

Dan il-pajjiż huwa parti mill-istat magħruf bħala "Trucial States" fil-golf Persian. Fit-18 ta' Lulju 1971 seba' stati (*Sheikdoms*) kull wieħed immexxi minn Xejk, ingħaqdu u flimkien iffurmaw pajjiż wieħed: l-Emerati Arab Magħquda. Din il-federazzjoni bidet isseħħ uffiċjalment fl-1 ta' Awissu 1972. Iħaddan id-din Musulman u ħareġ kwantità kbira ta' bolol tant li l-katalogi lanqas iġibuhom kollha.

Fl-1968 deher sett ta' ħames bolol (30d, 70d, 1r, 2r u 3r) għall-posta bl-ajru bi stampi meħudin minn pittura tal-Madonna.

Għall-Għid tal-1970 ħareġ sett ta' tmien bolol (tal-5,10,12,30,50 u 70 dinar u tal-1 u 2r) għall-ajru. L-aħħar sett ta' bolol tal-Għid ta' dan il-pajjiż kien dak tal-1972 u kien fih 6 bolol.



RENJU UNIT

[illegible]



STATI UNITI

[illegible]



MALTA

[illegible]

# Għarfien lokali madwar id-dinja

[illegible]

[illegible] Customer Helpline [illegible]

www.hsbc.com.mt

HSBC

Bank dinji, bank lokali

## Andorra



E 60 "Calvary"

Huwa pajjiż indipendenti żgħir ħafna (ftit akbar minn Malta fid-daqs iżda bi popolazzjoni għoxrin darba iżgħar) li jinsab fil-widien ta' qalb il-muntanji Pirinej u amministrat flimkien minn Spanja u Franza. In-nies huma ta' reliġjon Kattolika u jitkellmu bl-Ispanjol u bil-Franċiż. Ħareġ l-ewwel bolol fl-1931, bolol Franċiżi bl-isem ta' Andorra miżjud. Imbagħad fl-1932 beda joħroġhom bl-isem ta' Andorra biss.

L-ewwel sett b'konnessjoni mal-Ġimgħa Mqaddsa nsibuh fl-1967: fih tliet bolol (25c, 30c u 60c) u juru rispettivament it-tentazzjoni ta' Kristu, il-Bewsa ta' Ġuda u Kristu jitniżżel mis-salib – kollha stampi ta' affreski tas-sittax-il-seklu.




Sett ieħor ukoll ta' tliet bolol (25c, 30c u 60c) maħruġ is-sena ta' wara ukoll juri stampi ta' affreski tas-sittax-il-seklu li jinsabu fid-Dar tal-Widien. Dawn huma: il-flaġellazzjoni, Ġesù mgħejjun miċ-Ċirinew u l-mewt ta' Ġesù.

Fl-1975 insibu sett ta' żewġ bolol imsejjaġ "Europa" bi pitturi mill-knisja "La Cortinada" - waħda minnhom (tal-80c) turi 'Il-Kalvarju' b'Ġesù imsallab jidher qed ikellem lil OmmU, li hija akumpanjata minn San Ġwann l-Evanġelista. (Il-bolla l-oħra turi l-inkurunazzjoni ta' San Martin.)

Hawnhekk qed nillimitaw ruħna għall-bolol b'konnessjoni mal-Ġimgħa l-Kbira, għaliex dan il-pajjiż ħareġ bosta bolol oħra b'konnessjoni reliġjuża li juru ornamenti sagri bħal kalċijiet, slaleb, kappelli, knejjes, qaddisin, xeni tal-Milied u l-apokalissi.

## Anguilla



22 "The Crucifixion" (Studio of Massys)

Hija waħda minn għadd ta' gżejjer fl-arċipelagu magħruf bħala gżejjer Leeward li jisab bejn l-Oċean Atlantiku u l-baħar Karibew. Fis-27 ta' Frar 1967 il-gżejjer ta' Nevis, St. Christopher u Anguilla ġew assoċjati fi stat ġdid. Iżda ftit wara din ta' l-aħħar iddikjarat ruħha indipendenti u l-awtoritajiet ta' St. Christopher irtiraw. Imbagħad fis-7 ta' Lulju

# ALLWOODS & STEEL LTD

*Timber, Steel, & General Building Material Stockholders*

**Żebbuġ Road, Attard - Malta**
**Tel: 2141 8029**



32 "The Crucifixion" (Masaccio)

1969 l-uffiċċju postali ta' Anguilla ġie rikonoxxut uffiċjalment mill-gvern ta' St. Christopher, Nevis u Anguilla u reġgħu twaqqfet il-komunikazzjoni normali bil-posta. Fis-27 ta' Lulju 1971 il-gżira ta' Anguilla reġgħet irritornat taħt it-tmexxija tal-Brittania. Jgħixu fuqha madwar sitt elef ruħ biss.

Ħarġet għadd kbir ta' bolol reliġjużi fosthom sett kull sena bejn l-1969 u l-1977 dwar il-Passjoni ta' Kristu. Ħa naraw x'kien fihom wieħed wara l-ieħor:



36 "Ecce Homo" (detail, Correggio)

1969 - fih żewġ bolol verament sbieħ li juru il-kruċifissjoni fejn Kristu jidher b'rasu mitluqa, sinjal li diġà miet (impittra mill-istudju ta' Massys, 25c) u l-Aħħar Ċena (attribwita lil Roberti, 40c).



1970 - erbgħa bolol li juru lil Ġesù fit-triq lejn il-Kalvarju (ta' Tiepolo, 10c), il-Kruċifissjoni – (ta' Masaccio, 20c), id-difna ta' Ġesù (ta' Rosso Fiorentino, 40c) u t-tlugħ sal-Kalvarju (ta' Murillo, 60c).



1971 - fih erba' bolol bi stampi ta' pittura sagra: l-Ecce Homo (ta' Correggio, 10c), Kristu jidher lil San Pietru (ta' Carracci, 15c), L-anġli jibku lil Ġesù mejjet (ta' Guercino, 40c) u iċ-ċena ta' Emmaus (ta' Caravaggio, 50c).



53 "Mary, John and Mary Magdalene" (Matthias Grunewald)

1972 - juri twieqi tal-ħġieġ *stained* jiġifieri stampi magħmula minn ħġieġ ikkulurit: Ġesù imżeblah (10c), it-triq tad-duluri (15c), il-Kruċifissjoni (25c), Ġesù mniżżel mis-salib (40c), id-difna ta' Ġesù (50c).

1973 - sitt bolol b'dawn ix-xeni: it-tradiment ta' Ġuda (1c); il-bniedem imnikket (10c); Ġesù jġorr is-salib (20c); il-Kruċifissjoni (25c), Ġesù mejjet imniżżel mis-salib (40c); Il-qawmien mill-mewt (50c).



49 "The Crucifixion" (Raphael)

St. Philip's Bar & Restaurant

PIZZAS, GRILLS
& SOUTHERN FRIES

FREE
DELIVERIES

IN ŻEBBUĠ & SIĠĠIEWI
ATTARD & QORMI

TEL. 2146 6472
TEL. 2146 2107

Sciortino Street,
Żebbuġ ZBG 02



1974 - sitt bolol ta' valuri differenti (1c,15c,20c,25c,40c u $1) iżda kollha juru l-istess dettal mill-Kriċifissjoni impittra minn Raphael.

1975 - juru dettalji minn pituri tal-artali li jinsabu fil-musew ta' Colmar: il-Madonna, San Ġwann u Maria Madalena (ta' Matthias Grunewald, 1c), il-Kruċifissjoni (25c), San Ġwann il-Battista (15c), San Bastjan u l-anġli (20c), id-difna ($1) u Sant'Anton l-Eremita ($1.50).



58 The Three Marys

1976 – sitt bolol li juru dettalji minn tapezzerija tal-fontispizju tal-artal ta' Rheinau: it-tliet Marijiet (1c), il-Kruċifissjoni (10c), żewġ suldati (15c), il-Lunzjata (20c), it-tapezzerija sħiħa ($1) u l-Irxoxt ($1.50).



63 "The Crucifixion" (Massys)

1977 - sitt bolol li juru diversi pitturi: il-Kruċifissjoni (ta' Massys, 1c), it-Tradiment (3c), it-Triq tal-Kalvarju (22c), id-difna (30c), l-Irxoxt ($1) u l-Kruċifissjoni (ta' Castagno, 1c).



148 The Last Supper

Hemm qabża ta' disa' snin sa ma nsibu aktar bolol tal-Għid li issa ma baqgħux joħorġu kull sena bħal qabel. Fl-1986 insibu sett ta' erbgħa bolol ta'valuri ta' 10c, 25c, 45c u $4, bi stampi ta' twieqi differenti tal-ħġieġ *stained* tal-Kattidral ta' Chartres. Is-sett li jmiss ħareġ fl-1989 u fih erbgħa bolol: Ġesù nkurunat bix-xewk (ta' Bosch, 35c), Ġesù jġorr is-salib (ta' Gerard David, 80c), id-Dina (ta' Gerard David, $1) u il-Pietà (ta' Rogier van der Weyden, $1.60).



143 "Christ Crowned with Thorns" (detail) (Bosch)



168 "The Crucifixion"

Fl-1990, sett ieħor ta' erbgħa bolol: l-Aħħar Ċena (35c), il-Ġuri (45c), il-Kruċifissjoni ($1.35) u l-Qabar vojt ta' Kristu ($2.50).

L-aħħar sett li nsibu hu dak tal-1994, fih ukoll erbgħa bolol ta' twieqi bil-ħġieġ ikkulurit: il-Kruċifissjoni (20c), l-Qabar vojt (45c), Kristu Irxoxt (80c) u Kristu ma l-appostli wara l-qawmien ($3).


Emanuel Hire
Mobile: 99499370

# Antigua



96 "The Last Supper"

Hija gżira żgħira tampar Malta fid-daqs iżda bi poplazzjoni sittax il-darba iżgħar, li tinsab fl-arċipelagu tal-gżejjer Leeward. Sal 1956 kienu jintużaw flimkien kemm il-bolol ta' Antigua u kemm dawk tal-gżejjer Leeward. Fl-1 ta' Novembru 1981, Antigua saret indipendenti fi ħdan il-Commonwealth.

L-ewwel sett tal-għid nsibuh fl-1971, fih tliet bolol b'xogħolijiet ta' Durer: l-Aħħar Ċena (5c), il-kruċifissjoni (35c) u l-Irxoxt (75c).



144 "The Deposition from the Cross" (painting)

It-tieni sett tal-għid ħareġ fl-1979, fih erbgħa bolol ukoll b'xogħolijiet ta' Durer: Ġesù mniżżel mis-salib (10c), Ġesù fuq is-salib (50c u $2.50 – żewġ stampi diferenti bbażati fuq żewġ disinji fl-injam) u l-bniedem imnikket ($4 – disinn ieħor fl-injam).





238 "Bust of Christ"

Mill-1981 'il quddiem fuq il-bolol bdew jitniżżlu l-ismijiet ta' Antigua u Barbuda.

Fl-1988 ħareġ sett ta' tmien bolol b'xogħolijiet tal-pittur Titian, imqassmin hekk: Bust ta' Ġesù (30c), il-flaġellazzjoni (40c), il-Madonna fil-glorja ma l-anġli (45c), il-polittiku ta' Averoldi (50c), Krstu nkurunat bix-xewk ($1), Kristu mżeblah ($2), Kristu u Xmun minn Ċirene ($3), il-Kruċifissjoni flimkien mal-Madonna u l-anġli ($40).



291 "Supper at Emmaus" (Caravaggio)

L-aħħar sett tal-Għid li ħareġ dan il-pajjiż kien fl-1992 u fih tmien bolol li minnhom tlieta għandhom x'jaqsmu direttament mal-passjoni ta' Ġesù waqt li l-oħrajn juru episodji oħra reliġjużi. Insibu: iċ-ċena ta' Emmaus (ta' Caravaggio, 10c), id-dehra ta' San Pietru (ta' Zurbaran, 15c), Ġesù jke«i l-bejjiegħa mit-tempju (ta' Tiepolo, 30c u $1), il-Martirju ta' San Bartilmew (ta' Ribera, 40c), il-Kruċifissjoni (ta' Altdorfer, $2), id-Difna (ta' Fra Angelico, $4 u $5).

# Paul Woodworks

Prop. PAUL SCHEMBRI

Garage No. 2 Plot 17,
N/S Off Mdina Road, Ûebbu©, Malta

Tel: 2146 6615

# The Rose Shop

TELEFLOR INTERNATIONAL

**New Street, Qormi QRM 07Tel: 2148 3342 • Mob: 9945 8532, 9946 6696**

***Flower Arrangements for Weddings, Engagements, Parties, etc...***
Fresh & Artificial Flowers and Plants for hire, Invitations,
Souvenirs and Accessories for every occasion. **Free Delivery.**

Me to You

# Centre Point Stationery

Athena

**Vjal il-Ħelsien - Żebbuġ**

**• Newsagent • Stationery • Toys • Exclusive Gifts
• Novelties • Card Gallery • Magazines • Sweets
• Large Selection of Books • Paperbacks • Soft Toys
• Haberdashery • Mobile Cards • Household • Film Developing
• Large Selection of Souvenirs for Holy Communion**

**Photocopies (best prices)**

**Binding**

**Open also on Sundays**

## Arġentina



747 "Apostles' Communion" (detail, Fra Angelico)

Pajjiż enormi fl-Amerika t'isfel, jmiss maċ-Ċili, Paragwaj, Bolivja Brażil u mal-Urugwaj. Ftit għandu bolol b'tema tal-Ġimgħa Mqaddsa minkejja li hu pajjiż kattoliku.

Fl-1951 ħarġet ta' żewġ bolol ta' valur 2p.45 u 7p.55 b'risq il-fundazjoni Eva Peron. It-tnejn juru l-istess stampa tal-Pietà.

Fl-1984 nħarġet bolla ta' valur ta' 20p biex tfakkar il-ħamsin sena mill-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li sar fi Buenos Aires. Hija turi lil Ġesù jqarben lill-appostli fl-aħħar ċena, impittra minn Fra Angelico.



824 "Crowning with Thorns" and Church of Our Lady of Carmen, Tandil

Fl-1989 inħareġ sett ta' erbgħa bolol bix-xbiehat ta' Ġesù nkurunat bix-xewk u l-knisja tal-Madonna tal-Karmnu f'Tandil **(2a)**, Ġesù Nazzarenu u l-kattidral ta' Buenos Aires **(2a)**, id-Duluri u l-knisja ta' Humahuaca,f'Jujuy **(3a)**, Ġesù jiltaqgħa ma OmmU u l-knisja ta' Quebrada f'San Luis **(3a)**.

## Awstria



Pajjiż meqjus kattoliku fiċ-ċentru tal-Ewropa. Imiss ma' l-Italja, l-Isvizzera, l-Ġermanja, r-Repubblika Ċeka, s-Slovakkja u l-Ungerija. Kellu imperu kbir u għalhekk kien imdaħħal f'kemm il-gwerra.



Nibdew niltaqgħu ma bolol b'tema reliġjuża fl-1967, meta ħarġet bolla bis-suġġett tal-*Lambach Frescoes* (2s) u turi lil Kristu.



Fl-1978 insibu bolla (2s.50) bit-tema ta' l-arti gotika fis-Styria li turi l-Pietà ta' Admont.

Imbagħad fl-2004 ħarġet l-ewwel bolla (55c) għall-Għid u turi kurċifiss maħdum minn Werner Berg.


**PRIVAT FIL-MATHS/PHYSICS**

*Għalliem kwalifikat u b'esperjenza*

*Forms 1 sa 5 u MATSEC*

*Attenzjoni individwali / gruppi żgħar*

***Tel. 21460289 / 9983 8806 / 7959 4073***

Saint Philip
Confectionery

Caterers for all occasions

**Sciortino Street Żebbuġ.**
**Tel: 2146 4418  Mobile: 9949 9132**




PARIS STREET, ŻEBBUĠ   TEL: 2146 3622

# Santi tas-Seba' Kelmiet

kitba ta' Tony Terribile

Il-purċissjonijiet tal-Passjoni, li jsiru fl-ibliet u rħula tagħna, f'dawn il-jiem għeżież tal-Ġimgħa Mqaddsa joffru attrazzjoni mill-aqwa. Fihom, barra l-messaġġ li jridu jwasslu, qed joffru wkoll tant affarijiet sbieħ u artistiċi. Fuq quddiem jiġu l-istatwi armati bil-fjuri u mdawla b'dawl artifiċjali, vestwarju mill-aqwa, slaleb b'xogħol sabiħ ta' interzjar kif ukoll numru ta' bandalori.

Dawn ivarjaw minn purċissjoni għal oħra. Insibu bandalori bl-emblemi Rumani u hemm oħrajn b'kitbiet meħuda mill-vanġelu jew mill-Antik Testment. F'kull purċissjoni mbagħad jiġbdu l-attenzjoni żewġ bandalori kbar. L-ewwel waħda jkollha fuqha kitba ġeneralment bil-Latin *Passio Domini Jesu Christi* mbagħad naraw bandalora oħra, li bejn wieħed u ieħor, timxi f'nofs il-purċissjoni. Din tkun il-bandalora Rumana, għalhekk bl-ajkla fuqha u bl-ittri SPQR li jfissru s-senat u l-poplu ta' Ruma mbagħad f'kull purċissjoni wkoll, qrib il-vara l-kbira jimxu seba' bandalori magħrufa bħala *Tas-seba' kelmiet* għar-raġuni li fuqha naqraw l-aħħar sentenzi li lissen Kristu minn fuq is-salib.

Għalkemm dawn narawhom f'kull purċissjoni, dawn ivarjaw minn post għal ieħor għaliex insibu minnhom li huma ta' lewn vjola, għandna oħrajn ħomor u kif ukoll suwed iżda kollha għandhom l-istess sentenzi. Ġeneralment id-drapp tagħhom hu bellus iżda nsibu oħrajn ta' materjal inferjuri. Fil-biċċa l-kbira tagħhom ir-rakkmu tagħhom hu bil-ħajt tad-deheb iżda hemm oħrajn magħmula mill-ħajt isfar. Sa ftit taż-żmien ilu s-sentenzi kienu kollha miktuba bil-lingwa Latina, iżda fejn qegħdin jimbidlu, qegħdin isiru bil-Malti.

Għalkemm dawn *is-seba' kelmiet* huma komuni fil-purċissjonijiet tagħna, ma nistgħux ngħidu l-istess għas-santi marbuta ma' dan is-suġġett, iżda mhux hekk għamlet id-ditta (aktarx Taljana) li madwar tmenin sena ilu stampat dawn is-santi li qegħdin nipproduċu ma' din il-kitba. Hi ħasra li dawn m'għandhom ebda indikazzjoni fejn ġew stampati. Għalkemm għaddew minn fuqhom aktar minn tliet kwarti ta' seklu s-santi għadhom sbieħ b'kuluri sbieħ u vivaċi. Fuq kull santa, f'tondo, naraw wiċċ Kristu, iżda b'qagħda differenti f'kull waħda. Mad-dawra ta' wiċċ Kristu msallab naraw iddur pjanta b'rabta max-xewk. Bl-għajnuna tal-ħabib tiegħi Guido Lanfranco sirt naf l-isem proprju ta' dawn il-pjanti.

Fl-ewwel santa naraw il-kitba Latina *"Missier aħfrilhom għax ma jafux*









Time is ***Valuable***…
and now even ***Exclusive***…

Hermle clocks, today's market leader
in the manufacturing of mechanical clockworks,
can be found at SMW CORTIS.



Time
has never been so…
***Precious***

# SMW CORTIS

*Visit our Showroom at*
Mdina Road, Ûebbug

**Tel: 21 46 65 20**

*x'inhuma jagħmlu."* Għajnejn Kristu narawhom mgħollija 'l fuq b'sinjal ta' djalogu ma' Alla l-Missier. Mad-dawra naraw il-pjanta u l-fjuri tal-pjanta Fjurdulis nafuha wkoll bħala l-fjura ta' l-Iris, li huma fjuri komuni f'dan iż-żmien tas-sena. F'din is-santa naraw iris vjola, l-aktar kulur komuni ta' din il-fjura.

Fit-tieni santa naraw lil Kristu mdawwar bil-fjuri magħrufa bħala *Tal-Passjoni* msejħa hekk billi fiha jispikkaw l-imsiemer u l-kuruna tax-xewk ta' Kristu. F'din is-santa naqraw il-kitba *"Għandi l-għatx"* għalhekk għajnejn Ġesù Kurċifiss narawhom iħarsu 'l isfel jitlob lill-ġemgħa l-ilma. Jidher ukoll dettaljat ilsien Kristu bejn xofftejh niexfa.

Fit-tielet santa ghandna d-dehra ta' Ġesù Kurċifiss iħares fil-ġenb fi djalogu mal-ħalliel it-tajjeb, kemm hu hekk naqraw il-kitba *"Ngħidlek is-sewwa llum tkun miegħi l-Ġenna."* Mad-dawra l-pjanta u l-fjura tal-pjanta magħrufa bħala tar-rihan li hi pjanta aromatika li tikber f'siġra żgħira.

Il-ħarsa ta' Ġesù fir-raba' santa hi lejn ommu l-Madonna filwaqt li jtennielha is-sentenza *"Mara hawn hu ibnek, hawn hi ommok."* F'din is-santa naraw il-kalma riflessa fuq wiċċ Ġesù mdawwar bil-pjanta mxewka tal-ward, li hi pjanta tant komuni f'dawn il-gżejjer.

Fil-ħames santa nosservaw il-ħarsa ħanina u fl-istess ħin divina ta' Ġesù lejn Alla l-Missier filwaqt li jtenni *"Alla tiegħi, Alla tiegħi għaliex tlaqtni?"* Hi tabilħaqq ħarsa espressiva ħafna. Mad-dawra naraw il-pjanta magħrufa bħala BUDA li hija salvaġġa, twila u dejqa u tikber fl-ilma. Din il-ħaxixa tagħmel ras tawwalija, bellusija f'tarf il-bastun tagħha.

Fis-sitt santa għandna għal darba oħra d-dehra ta' wiċċ Ġesù Kristu iħares 'l isfel waqt li jtenni *"Kollox mitmum."* Madwar il-wiċċ ta' Ġesù naraw imbagħad il-pjanta komuni tax-xewk li tant tikber fis-salvaġġ tal-gżejjer tagħna. Il-ħarsa ta' Ġesù fl-aħħar santa hi 'l fuq lejn is-sema waqt li jtenni *"Missier f'idejk nerħi ruħi."* F'din is-santa l-għajnejn ta' Ġesù huma tabilħaqq espressivi lejn il-Missier iħabbarlu t-tmiem tal-Passjoni kiefra Tiegħu. Mad-dawra naraw pjanta li narawha fi żmien il-Milied magħrufa bħala *Holly*. Hi pjanta mxewka u għalhekk tnigges ħafna.

Wara li tajna ħarsa ħafifa lejn dawn is-seba' santi xieraq li ngħidu li madwar ħamsin sena ilu, l-importaturi taċ-ċikwejra lokali kienu għamlu kopja ta' dawn is-santi iżda bla kulur. Tawhom lewn *sepia*. Huma sbieħ iżda qatt ma laħqu l-livell artistiku ta' dawn is-santi li bl-aktar mod sabiħ qegħdin ifakkruna fis-sentenzi importanti li lissen Sidna Ġesù Kristu meta kien imdendel ma' l-għuda tas-Salib.



*Updating and Guide your home, garden and office in*









# Digit Line



*You can visit us at:*

**F. Farrugia Street, Ûebbu© ZBG 04**

*(Near Tal-Grazzja Pharmacy)*

*Tel:* **2146 4329** *Fax:* **2146 4329**
*Mob:* **7946 4329** *Mob:* **7946 5650**







# TOP HAT

*We specialise in made-to-measure tailoring, manufacturing of shirts and all kinds of uniforms and hiring suits.*

*Visit TOP HAT where you will find Graduation Gowns, Holy Communion, Confirmation and Wedding Suits.*

*You can also find the best range of coloured suits for all the family.*

**Tel/Fax: 2148 8241**

*210, St. Edward Street, Qormi*



# WIRJA TA' VARI

**Post: 14, Triq De Rohan, Ħaż-Żebbuġ ZBG 03** *(Ħdejn il-Museum tas-Subien)*
Sett vari artistiċi tal-Passjoni maħduma minn Anthony Magri ta' 18-il pulzier.

**Organizzatur:** Jonathan Farrugia

**Ħinijiet tal-Ftuħ**
**Il-Ġimgħa 18 sa l-Erbgħa 23 ta' Marzu** mid-9.00am sa 12.00pm u mill-5.00pm sad-9.30pm
**Ħamis ix-Xirka 24 ta' Marzu** iddum sa nofs il-lejl
**Ġimgħa l-Kbira 25 ta' Marzu** mit-8.00am sas-1.00pm u mis-2.00pm sa l-10.00pm

# Żebbuġ Video Rentals

4, Vjal il-Ħelsien – Tel. 2146 8835

**Il-Ħanut Ideali għall-Films Oriġinali u New Releases u DVD Rentals**

**• Radios • Stereos • Video Rec. • T.V. • Cards**

***Nagħmlu Photocopies tal-Kulur.***

Żebbuġ Stationers & Newsagents
&
Sebio's Photo Studio

**Colour photocopying service available**

*Sciortino Street, Żebbuġ ZBG 03 - Malta • Tel. 2146 6076*

Issettjat u Stampat: Bestprint Ltd., Qrendi